# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Is-SITTIN Sena 1945 - 2005

Mejju 2005 Nru. 869




## "IMBIEREK" MIN ĠIE...

*Papa ġdid b'tamiet ġodda*

# SENA TA' L-EWKARISTIJA bi 3 Kotba Speċjali

## TAGĦLIM • RAKKONTI • TALB

**Il-LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS toffri sussidju utli ta' tliet kotba ġodda dwar l-Ewkaristija**




## IS-SENA TA' L-EWKARISTIJA
### *ERBA' DOKUMENTI PONTIFIĊJI*

**285 Paġna, Lm 3.95**

Hawn issib il-qofol tat-tagħlim kollu meħtieġ dwar l-Ewkaristija kif temmen il-Knisja Kattolika. Din hija dokumentazzjoni uffiċċjali tal-prinċipji dommatiċi, spiritwali, liturġiċi u pastorali, tal-Misteru u l-Kult Ewkaristiku. Dan il-ktieb nistgħu nqisuh bħala l-aħħar Testment Spiritwali u Pastorali li ħallielna l-maħbub Papa Ġwanni Pawlu II. Traduzzjoni ta' Mons Salv Borg.

## MIRAKLI EWKARISTIĊI

**296 Paġna, Lm 3.50**

Rakkonti veri u dokumentati. Aktar minn 36 ġrajja straordinarja miġbura minn Joan Carroll Cruz, fi ktieb sabiħ miżgħud b'ritratti ta' kull miraklu deskritt, maqlub għall-ewwel darba bil-Malti.

Editur tat-Traduzzjoni:
Dun Ġorġ Mercieca.







## ŻJAJJAR LIL ĠESÙ SAGRAMENTAT

**Edizzjoni Ġdida u Riveduta • 120 Paġna, Lm 2.00**

Ġabra ta' 52 Meditazzjoni Djalogata ma' Ġesù fl-Ewkaristija. Kitba ta' Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Ktejjeb utli ħafna għall-adorazzjoni privata fl-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar jew f'dik komunitarja kull nhar ta' Ħamis fil-għaxija.

**IT-TLITT KOTBA FLIMKIEN BI SKONT SPEĊJALI MIL-'LUMEN CHRISTI BOOKSHOP' BISS**
**Lm 8.00**

**LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE, VICTORIA, GĦAWDEX - TEL: 2156 0496**

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Imwaqqfa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 869*
*Mejju 2005*
Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 111
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
*e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt
*homepage:*
www.gozodirect.com/lumenchristi

Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5

Issettjata: *Lumen Christi Media Centre*
Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534*

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fit-28 ta' April 2005*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
"Status Quo" • 9
Feature Speċjali:
IL-PAPA BENEDITTU XVI, Paġni 10-14
Il-Mostru b'Għajnejh Ħodor •15
Mill-Knisja fid-Dinja •18
Versi Riflessivi •19
ACM: Papa Ġdid - Tamiet Ġodda •20
Ktieb x'Taqra:
"Is-Sena ta' l-Ewkaristija" • 22
Għawdex 300 sena ilu :
Ix-Xema ta' Venezja • 23
Tifsir fuq it-Tagħlim tal-Katekiżmu (36):
Il-Misteru ta' l-Ewkaristija (1) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (36) • 26
Tieqa fuq l-Ambjent Għawdxi (5):
It-Torri ta' Imġarr ix-Xini •30
Xhieda Nisranija: Mons Alwiġ Vella (2) •32
Apprezzament P. Joseph Galdes, S.J. • 33
Għawdxin li għadna niftakru (25) -
Mary Meilak • 34
Passiġġata Biblika- 6 • 36
Int u saħħtek • 38
Ħolm il-Ħajja •40
Bejnietna n-Nisa •41
Għawdex Sportiv • 42


***Ritratti tal-Papa:* Ħajr lil Darrin Zammit Lupi (*The Times*)**




## *"Nimxu 'l quddiem... il-Mulej jgħinna"*

# Is-Sintesi tal-Programm tal-Papa Benedittu XVI

*"Għeżież ħuti, wara l-kbir Papa Ġwanni Pawlu II, il-Kardinali għażlu lili, ħaddiem sempliċi u umli fil-għalqa tal-Mulej. Il-fatt li l-Mulej jista' jaħdem anke bi strumenti insuffiċjenti, ifarraġni u fuq kollox nafda lili nnifsi fit-talb tagħkom. Fil-ferħ ta' Kristu Rxoxt, b'fiduċja fil-għajnuna permanenti tiegħu, nimxu 'l quddiem. Il-Mulej igħinna. Marija l-Omm Qaddisa tiegħu qegħda fuq in-naħa tagħna". Dawn kienu l-ewwel kelmiet li bihom il-Papa l-ġdid Benedittu XVI indirizza l-folla enormi miġbura fi Pjazza San Pietru f'Ruma nhar it-Tlieta 19 ta' April biex tara min kien intgħażel bħala l-265 suċċessur ta' l-Appostlu San Pietru.*

*Huma kelmiet ċelebri li se jibqgħu jissemmgħu għal ħafna snin, kelmiet sempliċi, iżda fl-istess ħin profondi, kelmiet li dlonk taw ħafna indikazzjonijiet ta' x'se jkunu l-ingredjenti prinċipali li se jsawwru dan il-pontifikat ġdid tal-Papa Benedittu XVI : pontifikat mibni fuq il-fiduċja qawwija fil-għajnuna t'Alla u ta' Ommu Marija, u fuq it-talb tal-fidili. L-umiltà ta' dan il-ġgant ġermaniż Joseph Ratzinger, imfissra bil-kelmiet 'ħaddiem sempliċi u umli fil-għalqa tal-Mulej' dritt serqet il-qalb ta' miljuni. Hekk ukoll it-talba mqanqla tiegħu għat-talb tagħna għalih, daħlet il-figura u l-missjoni tiegħu f'qalbna.*

*Il-Kardinal Joseph Ratzinger għal dawn l-aħħar 24 sena kien kollaboratur intimu tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Ħadem ħafna fil-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi u huwa rispettat minn ħafna għall-ortodossija tal-fidi tiegħu. Huwa magħruf għall-intelliġenza tiegħu, huwa bniedem ta' kultura kbira u awtur ta' diversi kotba. Dawk ta' madwaru iddeskrivewh bħala bniedem dixxiplinat, ta' ftit kliem u determinat fil-ħidma tiegħu, imma fl-istess ħin effabbli, umli u twajjeb, lest li jilqa' u jisma' lil kulħadd – kwalitajiet li żgur se jikkumplimentaw mhux ftit il-ħidma l-ġdida ta' Joseph Ratzinger.*

*Il-Pontifikat tal-Papa Benedittu jrid jaffronta l-isfidi kbar ta' żmienna u forsi waħda mill-akbar sfidi li għandu quddiemu hija s-sekularizzazzjoni ta' l-Ewropa. Ninsabu ngħixu f'era fejn l-umanità inġenerali qegħda tħabbat wiċċha mal-konsegwenzi traġiċi ta' dak li qed jissejjaħ l-eklissi tas-sens ta' Alla u tal-valuri nsara li kienet xi darba mibnija fuqhom. L-istess Papa Benedittu XVI, meta kien għadu Prefett tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi, f'intervista li kienet dehret fil-ġurnal Taljan "La Repubblica" tad-19 ta' Novembru 2004, kien qal dawn il-preċiżi kelmiet: "Soċjetà li fiha Alla huwa kompletament assenti, teqred lilha nfisha ... Jidhirli li huwa meħtieġ li nerġgħu niskopru mill-ġdid – u l-qawwa li jsir dan teżisti – li anke l-oqsma politici u ekonomiċi jeħtieġu responsabbilità morali, responsabbiltà li titnissel f'qalb il-bniedem u li fl-aħħar mill-aħħar għandha x'taqsam mal-preżenza jew ma' l-assenza ta'Alla".*

*L-appell konklużiv tal-Papa fi tmiem l-omelija tal-quddiesa ta' l-inawgurazzjoni tal-pontifikat tiegħu, jimliena bil-kuraġġ u t-tama: "Tibżgħux... iftħu beraħ il-bibien lil Kristu u intom issibu l-ħajja vera!"*

***Dun Ruben Micallef***




## *Konċelebrazzjoni b'Suffraġju għal Ruħ il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Katidral*



Nhar is-Sibt 9 ta' April, Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi, flimkien ma' għadd kbir ta' saċerdoti, mexxa konċelebrazzjoni fil-Katidral f'għeluq it-tmint ijiem mill-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Għaliha attendew numru konsiderevoli ta' lajċi kif ukoll membri mill-kamra tad-deputati Għawdxin. Fid-diskors tiegħu, Mons Isqof semma l-mod li bih, bil-kuraġġ kollu, l-Papa wassal il-messaġġ ta' Kristu filwaqt li ma bażax jikkundanna dak li ma jaqbilx maċ-ċiviltà ta' l-imħabba. Barra minn hekk hu semma kif dan il-Papa ħadem bi sħiħ biex jiftaħ djalogi ma' nies ta' kulturi differenti filwaqt li bla mistrieħ fittex dejjem il-verità. Fuq kollox Mons Isqof aċċenna għall-figura sofferenti ta' l aħħar snin ta' Ġwanni Pawlu II li tant kienet tnissel tama..

## *It-42 Kungress tax-Xirka fil-Fontana*

Ix-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla ta' Għawdex żammet it-42 Kungress Djoċesan tagħha fil-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, Fontana, nhar il-Ħadd 10 t'April 2005. F'din is-Sena ta' l-Ewkaristija, is-suġġett kien: "Tpattija Ewkaristika għad-Dnubiet tal-Umanità". Bi tħejjija għalih tul il-ġimgħa ta' qabel saru diversi attivitajiet. Il-



Kappillan Nazzjonali Fr. Joe Vassallo O.P., kif ukoll Ġorġ Agius, l-Għannej tal-Mulej, iltaqgħu ma' studenti tal-iskejjel sekondarji, tas-*Sixth Form* u tal-*MCAST*. Barra minn dan huma għamlu żjajjar fid-djar tal-morda, sptarijiet u anki f'*bars*. Jum dan il-kungress infetaħ b'quddiesa iċċelebrata minn Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi u fiha ħadu sehem Fr. Joe Vassallo u Mons Salv Borg il-Kappillan tax-Xirka f' Għawdex. Fil-laqgħa li saret wara saru xi diskorsi fost l-oħrajn minn Mons Isqof, Fr. Joe Vassallo, u Ġorġ Agius. Dan il-Kungress wasal fi tmiemu billi l-President tax-Xirka Joseph Refalo ħabbar li t-43 Kungress Djoċesan tax-Xirka ser isir nhar fit-30 t'April 2006 fil-Parroċċa tax-Xagħra.



### *Jum il-Vokazzjonijiet*

Din is-sena il-jum iddedikat għat-talb għall-vokazzjonijiet ġie iċċelebrat nhar il-Ħadd 17 t'April. Mons Isqof, nhar is-Sibt 16 t'April iċċelebra quddiesa fejn għaliha kienu mistednin il-gruppi tal-vokazzjonijiet tal-parroċċi kollha tad-djoċesi t'Għawdex. Din il-quddiesa saret fis-sala tal-Azzjoni Kattolika f'Victoria. Waqt l-omelija Mons Isqof inqeda bil-vanġelu tar-4 Ħadd tal-Għid, il-Vanġelu tar-Ragħaj it-Tajjeb, biex spjega lil dawk preżenti kif għandha tkun ir-relazzjoni tagħna mar-ragħaj tagħna li hu Kristu. Hu semma wkoll li dan ir-ragħaj jista' jkun li qed isejjaħ lil xi wħud biex jaqduh aktar mill-qrib. Għalhekk hu stedinhom biex mil-lum joqogħdu attenti għas-sejħa li Alla qed jagħmlilhom għal ħajjithom biex hekk aktar 'l quddiem ma jibżgħux jgħidulu iva kif qaltlu Marija u tant qaddisin.

### *Għeluq tal-Wirja dwar l-Ewkaristija*

Nhar il-Ħadd 10 t'April ġiet fi tmiemha l-wirja bl-isem "L-Ewkaristija - Ċelebrazzjoni u Arti" li kienet qed tiġi esebita fis-sala tal-wirjiet fil-Ministeru għal Għawdex. Din il-wirja li saret fl-okkażjoni tas-Sena Ewkaristika, ittellgħet mill-Kummissjoni ta' l-Arti Sagra ta' Għawdex bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u l-Kumitat Organizzattiv Kultura. L-inawgurazzjoni ta' din il-wirja kienet saret nhar il-Ħadd 13 ta' Marzu. Għal din il-wirja nġabru diversi oġġetti kemm minn knejjes kif ukoll minn djar privati li għandhom x'jaqsmu jew kienu jintużaw fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Tul il-jiem li damet miftuħa, kienu ħafna n-nies li marru jarawha.

### *Monument f'ġieħ Mary Mejlak*

Din is-sena Għawdex qed jiċċelebra ċ-ċentinarju mit-twelid ta' Mary Mejlak li kienet poetessa mill-belt Victoria. F'din l-okkażjoni, nhar il-Ġimgħa 22 ta' April saret quddiesa fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Għaliha kien hemm preżenti fost l-oħrajn il-President tar-Repubblika l-E.T. Edward Fenech Adami. Wara, ġiet inawgurata lapida li tfakkar dan iċ-ċentinarju.

### *Prize Day fis-Seminarju*

Nhar il-Ġimgħa 29 ta' April fis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù nżamm l-appuntament annwali tal-*Prize Day* li fih jingħataw il-premijiet lil dawk l-istudenti li jkunu kisbuhom. Għal din l-okkażjoni ġie mistieden Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi.

### *Pussessi ta' Żewġ Arċiprieti*

L-Arċipriet il-ġdid għall-Parroċċa tax-Xagħra, l-Arċ. Karm Refalo, li kien irċieva n-nomina tiegħu għall-istess kariga nhar l-10 ta' Frar ta' din is-sena, fis-17 t'April, ħa l-pussess uffiċjali tal-Parroċċa. Imbagħad fl-1 ta' Mejju, l-Arċ. Joe Zammit, ħa l pussess uffiċjali tal-Parroċċa tal-Qala. Dan ukoll kien irċieva n-nomina tiegħu nhar l-10 ta' Frar. Għal dawn iż-żewġ pussessi kien preżenti f'isem Mons Isqof, l-Vigarju Ġenerali Mons Giovanni Bosco Gauci. Id-digriet tal-ħatra nqara fiż-żewġ każi mill-Kanċellier tal-Kurja Veskovili, Mons Salv Debrincat.

PMC TOURS

**ĠITI GĦAS-SAJF 2005**

**19 - 25 TA' LULJU**
3 Hotels Ċentrali f'Ruma-Sorrento u S.Giov. Rotondo
**RUMA - NAPLI - SORRENTO - CAPRI - POMPEI - SAN GIOVANNI ROTONDO fejn hu meqjum San Piju tal-Pjagi**
*************

**31 TA' LULJU - 6 TA' AWISSU**
Hotel waħda fiċ-ċentru ta' Strasbourg
**FRANZA - ĠERMANJA - SVIZZERA**
**STRASBOURG - COLMAR - FREIBURG - EUROPA AMUSEMENT PARK BLACK FOREST- ZURICH - SCHAFFHAUSEN RHINE FALLS**
*************

**15 - 20 TA' AWISSU**
Hotel waħda fil-qalba ta' Lourdes
**LOURDES - PONT D'ESPAIGNE - BIARRITZ - ST JEAN DE LUZ - BARTRES**
*************

**27 ta' AWISSU - 3 TA' SETTEMBRU**
Hotel waħda fil-qalba tal-Lago di Garda
**ITALIA - AUSTRIA**
**VENEZIA - PADOVA - VERONA - DOLOMITI- SIRMIONE GARDALAND AMUSEMENT PARK U INNSBRUCK FL-AUSTRIA**
*************

***Programmi u Bookings:*** **John Portelli Ent. 7 Pjazza Indipendenza,Victoria. Tel.215612-3. Iktar dettalji m'għand l-Organizzatur u Tour Leader: Paul M. Cassar - San Giorgio, Triq Vajrinġa, Victoria - Għawdex. Tel. 21551004 -79021033**

Majestic too Electronics Centre

**Video & DVD Rentals,**
*Sales of:* **TV's, VCR's, Hi-Fi, Mobile Phones & Air-Conditioners**

*F.Mizzi Street, Victoria, Gozo - Malta.*
**Tel: 2156 6616 Mob:79461299**

**Authorized Dealers in Gozo for**

SAMSUNG — ***Satellite Receivers***
SANYO — ***TV. DVD. VIDEO. AUDIO***
Pioneer — ***Sound and Vision***
Roadstar — ***Hi-Fi's of All Kinds***

***REPAIR CENTRE FOR MOBILES, TV's, VIDEOS, DVD's, HI-FI's, etc.***

# X'ġara dan l-aħħar



Kronaka Għawdxija minn Lelio Spiteri

## Il-Kunsill Lokali tan-Nadur sodisfatt bid-deċiżjoni tal-MEPA dwar "Ta' Sopu"

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur wera s-sodisfazzjon tiegħu għal mod kif ġiet ittrattata l-applikazzjoni sabiex il-barriera tal-Qortin ta' Sopu fin-Nadur tigi mimlija bit-terrapien u skart tal-bini. Il-Kunsill faħħar il-mod li bih il-Bord tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ittratta din l-applikazzjoni li giet approvata waqt laqgha pubblika li saret nhar il-Hamis 28 t' April.

## Ippreżentati r-riżultati ta' Survey Tri-Dimensjonali tal-Ġgantija



Ir-riżultati ta' *survey* tri-dimensjonali tat-Tempji tal-Ġgantija fix-Xaghra Għawdex ġew mgħoddija uffiċjalment mill-Onor Giovanna Debono Ministru għal Għawdex liċ-*Chairman* ta' *Heritage Malta* Dr Mario Tabone waqt attivita' li saret fit-Tempji tal-Ġgantija li għaliha attenda wkoll il-Ministru tat-Turiżmu u Kultura Francis Zammit Dimech fit-28 ta' April, 2005. Il-Ministru Debono qalet li dan huwa l-ewwel *survey* tat-tip tiegħu li jinkludi tempju sħiħ u huwa neċessarju bħala bażi ta' kull studju xjentifiku jew intervent li jrid isir fuq il-Ġgantija. Il-fondi mill-Unjoni Ewropea qegħdin jiffinanzjaw ukoll żewġ proġetti oħra: it-tqiegħid ta' *scaffolding* fuq parti li waqgħet bix-xita waqt l-istess maltempata u x-xogħol propju tar-restawr ta' din il-parti. Dr Mario Tabone, li rċieva d-dokumentazzjoni f'isem *Heritage Malta* rringrazzja lill-Ministeru għal Għawdex għall-għajnuna li sabet *Heritage Malta* kemm f'dan il-proġett kif ukoll fi proġetti oħrajn li qegħdin isiru mill-Ministeru għal Għawdex b'kollaborazzjoni ma' *Heritage Malta*. Wara saret preżentazzjoni għall-pubbliku tar-riżultati tas-*survey* fil-Mitħna ta' Kola fix-Xagħra, mill-Perit Hermann Bonnici tat-Taqsima tar-Restawr u minn uffiċjali tal-kumpanija Taljana li wettqet ix-xogħol.

## Jum Sannat iċċelebrat b'diversi Attivitajiet Kulturali - Edukattivi

Fl-okkażjoni ta' Jum it-twaqqif tal-parroċċa ta' Sannat, it-28 t'April, 1688, il-Kunsill Lokali pprepara programm ta' attivitajiet biex ifakkar dan il-jum speċjali għas-Sannatin kollha. Nhar is-Sibt 23 ta' April ittellgħet lejla mużiko letterarja fis-sala ta' l-iskola Profs Ġuże' Aquilina. Ħadu sehem il-banda Santa Margerita V.M. li daqqet diversi biċċiet mużikali, fosthom '*Bells Across The Meadows*', '*I will Follow Him*', '*My Way*' u '*La Cumparsita*'. Uħud minn dawn is-siltiet mużikali ngħataw lill-banda minn Soċjetajiet Mużikali 'l barra minn xtutna. Dan qiegħed



iseħħ permezz ta' kuntatti li membri ta' din is-Soċjeta qegħdin iżommu ma' Soċjetajiet Mużikali fosthom dik ta' *Montefiascone* u *Cerreto Laziale* fl-Italja. Monsinjur Lawrence Sciberras qara poeżija miktuba għal din l-okkażjoni, 'Lil Raħal Twelidi'. Ħadu sehem ukoll iż-żewġ kantanti Teddy Zammit u Margaret Camilleri li kantaw diversi kanzunetti Maltin. Għattieni sena konsekuttiva ġie mogħti l-premju ġieħ Sannat lil Dun Anton Mizzi. Nhar il-Ħamis 28 ta' April saret attività kbira fl-iskola. L-għaqdiet prinċipali tar-raħal ġew mistiedna biex itellgħu 'item' fl-iskola quddiem l-istudenti. L-iskop kien li jiġi spjegat lill-istudenti l-ħidma ta' dawn l-għaqdiet. Ħadu sehem membri ta' l-Għaqda Drammatika Sannat, Sannat Lions FC u tal-Banda Santa Margherita. L-'items' li ġew imtellgħa mill-istudenti kienu kollha marbuta ma' Jum Sannat, mal-kultura tar-raħal, ma tradizzjonijiet, is-snajja li wieħed isib u mhux l-anqas mal-ġemellaġġ li l-Kunsill għamel ma' Pisoniano. Wara saret attività sportiva li fiha ħadu sehem l-istudenti kollha ta' l-iskola Profs Ġużè Aquilina u ta' l-*iSpecial Unit*. Kien hemm ukoll mistiedna grupp ta' studenti mill-iskola ta' Ħal Lija Malta, li anke ħadu sehem f'din l-attività. Sar anke xi logħob bejn il-ġenituri u l-għalliema ta' din l-iskola. Nhar il-Ħamis 28 ta' April, ukoll, ġiet iċċelebrata quddiesa bis-sehem tal-Kor 'Ulied Margerita' b'tifkira ta' Jum il-Parroċċa.

## Ippreżentat il-Pjan t'Azzjoni għall-proġett tad-Dwejra - Investiment ta' Euro 314,000



L-ewwel abbozz tal-Pjan t'Azzjoni għall-proġett ta' *Heritage Park* għall-inħawi tal-Qawra u d-Dwejra f'Għawdex ġew ippreżentati nhar it-Tlieta, 12 t'April, filgħodu, waqt konferenza ta' l-aħbarijiet, fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex, biex b'hekk infetaħ proċess ta' konsultazzjoni għal perijodu ta' 6 ġimgħat. Dan l-abbozz jinkludi proposti ta' 25 miżura li jridu jittieħdu sabiex din iż-żona tikseb il-livelli mixtieqa ta' protezzjoni ambjentali u wirt kulturali. Dan il-proġett qed jiġi ffinanzjat in parti mill-Unjoni Ewropea taħt il-*LIFE THIRD COUNTRIES scheme*. Il-preżentazzjoni ta' dan l-abbozz ta' Pjan t'Azzjoni ssegwi t-twaqqif tad-*Dwejra Steering Committee* li sar is-sena li għaddiet. Dan il-kumitat jinkludi rappreżentanti tal-Ministeru għal Għawdex, tal-*Malta Environment and Planning Authority* (MEPA), tal-Kunsill Lokali San Lawrenz kif ukoll ta' *Nature Trust (*Malta). Dan il-proġett, inizjalment sottomess min-*Nature Trust* (Malta) għall-fondi mill-Unjoni Ewropea, kien wieħed mill-ħmistax-il proġett magħżula mill-istess Unjoni, wara li ġew sottomessi 107 proġetti. L-implimentazzjoni tiegħu bdiet f'April 2004. Matul din l-aħħar sena, saru diversi studji ekoloġiċi minn grupp ta' esperti li ġew maħtura apposta sabiex jevalwaw l-ambjent naturali fuq l-art u l-baħar ta' dawn l-inħawi. Saru wkoll diversi laqgħat mal-partijiet konċernati fejn ġew diskussi problemi u saru wkoll rakkomandazzjonijiet dwar dan is-sit. Fuq bażi ta' dan, l-i*Steering Committee* fassal dan l-ewwel abbozz tal-Pjan t'Azzjoni li ġie ppreżentat illum. L-għan ta' dan il-Pjan t'Azzjoni huwa l-ħolqien ta' *heritage park* ibbażat fuq il-parteċipazzjoni tal-partijiet kollha konċernati. L-għanijiet m'humiex biss marbuta ma' konservazzjoni tas-sit imma wkoll jinkludu għanijiet edukattivi kif ukoll ħidmiet ekonomiċi bħall-agrikoltura u l-eko-turiżmu.

## "Sacred in Opera" mill-Kor Għawdxi "Gaulitanus" fin-Nadur

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-ħmistax–il anniversarju tiegħu, il-Kor Għawdxi *Gaulitanus* ippreżenta il-kunċert *Sacred in Opera* fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur Għawdex nhar is-Sibt 9 t'April. L-udjenza gawdiet dan il-kunċert b'siltiet ta' xejra sagra minn diversi opri. Dan l-avveniment ġie rrepetut fil-Katidral Anglikan ta' San Pawl ġewwa l-belt Valletta nhar it-Tnejn 11 t'April. Xi jiem qabel, *Sacred in Opera* ġie ukoll irrekordjat fuq CD. B'din l-inizjattiva l-*Gaulitanus* ta bidu għal sensiela t'appuntamenti matul it-tliet xhur li ġejjin b'kunċerti kemm f'Għawdex u kemm f'Malta. F'*Sacred in Opera* is-Surmast Colin Attard idderieġa xogħlijiet ta' Rossini, Verdi, Massenet, Puccini u Mascagni. Hu, il-kor, il-mużiċisti u s-solisti ħadmu ħafna biex dan il-programm ikun ta' l-ogħla livell possibbli f'ambjent mhux professjonali. Stephen Attard ipprovda l-akkumpanjament impekkabbli kemm għall-kor kif ukoll għas-solisti.

## "Jum il-Bizzilla" għad-Disa' Sena



Il-*'Lace Making Programme'* taċ-Ċentru ta' Għawdex tal-Università ta' Malta, organizza għad-disa' sena konsekuttiva dan il-jum. Din l-attività, li saret nhar il-Ħadd 10 ta' April fiċ-Ċentru ta' Għawdex ta' l-Università ta' Malta, kienet tikkonsisti f'numru ta' esibizzjonijiet ta' xogħol tal-bizzilla, kif ukoll numru ta' diskorsi fuq materji relatati max-xogħol tal-bizzilla. L-attività kienet introdotta minn Joseph Calleja li huwa l-amministratur taċ-Ċentru. Preżenti, kien hemm Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, Anton Tabone, Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti kif ukoll Consiglia Azzopardi, il-koordinatriċi tal-*'Lace Making Programme'*. Wara li saru diskorsi ta' l-okkażjoni, l-attività kompliet bil-preżentazzjoni taċ-ċertifikati mill-Ministru Debono. Wara dawk preżenti kienu mistiedna biex iżuru u jipparteċipaw fin-numru ta' esibizzjonijiet mwaqqfa mil-*'Lace Making Programme'*, mill-*'International Organisation of Needle and Bobbin Lace'* (OIDFA) u mill-*'Malta Lace Guild'*. Numru ta' *stands* oħra kienu mtella mill-Koperattiva Għawdxija tal-Bizzilla u Artiġjanat.

## Sacco jirbaħ it-30 edizzjoni tan-nofs Maratona t'Għawdex

It-30 edizzjoni tal-Maratona t'Għawdex saret nhar il-Ħadd 24 ta' April. Total ta' 310 atleta ħadu sehem fid-diversi tiġrijiet fosthom in-nofs maratona, it-tiġrija tat-8 mili li daru f'diversi irħula Għawdxin, tal-4km, tat-2Km u l-*Fun Run*. In-nofs maratona li hi l-aktar ġirja prestiġjuża, ġiet mirbuħa għall-ewwel darba minn Jimmy Sacco ta' Birkirkara St Joseph A.C. f'ħin ta' 1:17.06 segwit mir-rebbieħ tas-sena l-oħra Andrew Grech 1:19.36, waqt li fit-tielet post spiċċa Manwel Spiteri 1:26.16. L-ewwel mara li spiċċat in-nofs maratona kienet Gillian Grech 1:38.44 u l-ewwel Għawdxi kien Carmel Camilleri (is-sindku ta' Sannat) f'ħin ta' 1:37.10. Fil-ġirja tat-8 mili rebaħ Drew Lang f'ħin ta' 46.10". Bħala att nobbli sportiv, Drew Lang offra t-trophy li rebaħ lil dak l-atleta li daħal l-aħħar fit-tiġrija li nzerta daħal waqt il-preżentazzjoni u kien Dun Anton Refalo, li kien il-pijunier ta' din il-maratona u li ħa sehem fiha 30 darba mill-bidu tat-twaqqif tagħha, fejn ħa sehem f'kull edizzjoni. Fit-tieni u fit-tielet post daħlu Mario Vella 47.05" u Johann Cassar 47.40" rispettivament. L-ewwel Għawdxi kien Frankie Muscat 56.30" (*ex-player* tal-*football*). Fil-kategorija tan-nisa ħarġet rebbieħa Corrine Degaetano 59.48" u l-ewwel Għawdxija kienet Theresa Toscano 1:08.32" Fit-tiġrija tal-4Km riservata għat-tfal ta' bejn 12 u 16—il sena fil-kategorija tas-subien ħareġ rebbieħ Daniel John Attard 12.53" waqt li tal-bniet rebħet Marouska Cutajar 13.19". Emanuel Borg kien l-ewwel fis-sessjoni U/14; Neil Vella l-ewwel Għawdxi U/14 u Elena Attard l-ewwel Għawdxija U/14; Simon Spiteri l-ewwel fl-U/13 u Denise Law l-ewwel fl-U/13 fis-sessjoni tal-bniet. Michael Bezzina ġie l-ewwel Għawdxi U/13. Fit-tiġrija ta' 2Km riservata għat-tfal ta' etajiet żgħar spiċċaw fl-ewwel postijiet fil-kategorija tas-subien Daniel Cassar 7.56"; Nathanael Aguis u Matthew Bezzina. Jana Pace Cocks 8.11" ġiet l-ewwel fit-taqsima tal-bniet segwita minn Amy Abdilla u Charlotte Bonavia. Joseph Scerri rebaħ U/11 u Christine Scerri rebħet U/11 fit-taqsima tal-bniet. L-ewwel atleta Għawdxi kien Alex Teuma. Il-maratona kienet organizzata mill-*Gozo Amateur Athletic Association* (GAAA) bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Xagħra u x-Xagħra Youth Centre.

## Inizjattiva Sabiħa b'ġieħ lill-Papa Ġwanni Pawlu II: Monument li jixraqlu

Jidher li ħafna laqgħu b'sodisfazzjon u ferħ l-aħbar li f'Għawdex għadu kemm twaqqaf kumitat biex jieħu ħsieb ifakkar kif inhu xieraq b'monument *"life-size"* lil mibki u qatt minsi l-Papa Polakk, Ġwanni Pawlu II li mexxa l-Knisja Kattolika għal dawn l-aħħar 27 sena, u li kien żar lil Għawdex fl-1990. Il-Kumitat ħa l-inizjattiva u tkellem ma' l-erba' Banek kummerċjali li għandna biex il-pubbliku jkun jista' liberament jagħmel l-offerta tiegħu bil-kumdità. Dawn li ġejjin huma l-kontijiet bankarji:



Isem tal-Kont: *Monument Papa Ġwanni Pawlu II*

| | |
|---|---|
| Bank of Valletta: | 400 142 314 85 |
| HSBC Bank: | 071 148 738 001 |
| Aps Bank: | 200 002 879 26 |
| Lombard Bank: | 014 406 417 05 |

Il-pubbliku jista' wkoll, jekk irid javviċina lil xi wieħed mill-membri tal-kumitat u jagħtih l-offerta tiegħu, hi ta' liema valur hi. Il-ftit tal-ħafna żgur li jwasslu biex tingabar is-somma ta' disat elef lira Maltin li hu stmat li hemm bżonn biex ikopru l-ispejjeż kollha. Għal kull għotja tingħata riċevuta. L-indirizz tal-kumitat huwa: Monument Papa Ġwanni Pawlu II, P.O Box 28, Victoria, Gozo, Malta.




# STATISTIKA U PROSPETTIVA DWAR GĦAWDEX U L-GĦAWDXIN

## ❶ *"Upgrading" tal-Biċċerija f'Għawdex*

Il-Ministru għal Għawdex qiegħed jagħmel *upgrading* tal-biċċerija f'Għawdex biex din tkun tista' terġa tibda titħaddem.

Giovanna Debono, il-Ministru għal Għawdex, fi tweġiba li tat fil-Parlament għal interpellanza tad-Deputat Laburista Noel Farrugia, qalet li minn kemm ilha wieqfa l-biċċerija f'Għawdex inqatlu 4,399 majjal u 1,141 ċanga.

Hi qalet li kien hemm tnaqqis fil-qatla f'Għawdex ta' majjal u ċanga fil-perjodu Lulju, Awissu u Settembru 2004 imqabbla ma' l-istess perjodu tas-sena 2003 minħabba li l-qatla ta' dawn il-bhejjem kienet qiegħda ssir fil-biċċerija ta' Malta.

Dwar it-tnaqqis fil-qatla ta' *broilers* f'Għawdex, skond iċ-ċifri maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, din tvarja minn żmien għall-ieħor u ma jidhirx li l-problema hi limitata għal Għawdex. Il-gvern qiegħed jindirizza l-problema permezz ta' għajnuna biex is-settur jiġi ristrutturat.

Giovanna Debona żiedet li l-qatla tal-majjal u ċ-ċanga mrobbija f'Għawdex baqgħet bejn wieħed u ieħor l-istess.

*(In-Nazzjon", 06-03-05)*

## ❷ *Ikkunsmati 33 miljun metru kubu ta' ilma*

Matul is-sena 2004, fil-gżejjer Maltin ġew ikkonsmati mhux inqas minn 33 miljun metru kubu ta' ilma. Dan ifisser li s-sena li għaddiet, kull persuna, ras għal ras, ikkunsmat madwar 81 metru kubu ilma. Ifisser ukoll li l-konsum medju ta' kuljum f'Malta kien ta' 82,681 metru kubu ta' ilma waqt li f'Għawdex ammonta għal 7,157 metru kubu.

Figuri ppublikati mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika juru li l-impjanti tar-*Reverse Osmosis* ipprovdew is-sors prinċipali tal-produzzjoni ta' l-ilma f'Malta.

F'Għawdex kien hemm medja ta' 167,369 metru kubu ta' ilma li ttellgħu kull xahar mill- *boreholes*, waqt li dik mill-*pumping stations* ammonta għal 11,500 metru kubu ta' ilma fix-xahar. Dan ifisser li waqt li f'Malta, l-ilma ippumpjat mill-*pumping stations* ammonta għal 26 fil-mija mill-provvista kollha ta' l-ilma matul is-sena 2004, fil-każ ta' Għawdex, dan il-proporzjon ammonta għal sitta fil-mija.

F'Għawdex s'issa m'hemm l-ebda impjant tar-*reverse osmosis,* u l-*boreholes* huma s-sors prinċipali għall-ilma – aktar minn 93 fil-mija tal-produzzjoni totali fl-istess gżira. Dan kien ifisser żewġ miljuni metru kubu ta' ilma matul is-sena 2004. Biex jissupplimenta dan, partikolarment matul ix-xhur tas-sajf, is-sena li għaddiet kien hemm 450,355 metru kubu ta' ilma li ġie trasferit minn Malta għal Għawdex.

*("l-Orizzont", 24-03-05)*

## ❸ *Aktar Maltin jaqsmu lejn Għawdex fl-Għid*

Ċifri ta' passiġġieri li qasmu bejn Malta u Għawdex matul il-festi tal-Għid juru li kien hemm żieda sostanzjali fin-numru ta' Maltin li żaru l-gżira għawdxija. Fl-istess waqt juru wkoll li kien hemm numru inqas ta' vetturi li għamlu t-traġitt.

Iċ-ċifri juru li bejn Ħamis ix-Xirka u Ħadd il-Għid din is-sena qasmu 45,676 persuna bejn Malta u Għawdex u kienu trasportati 10,931 vettura. Dan ifisser żieda ta' 889 persuna fuq is-sena li għaddiet u tnaqqis ta' 291 vettura fuq l-istess perjodu.

Miċ-Ċirkewwa, il-*Gozo Channel* ġarret 23,811 passiġġier jiġifieri żieda ta' 759 passiġġier fuq is-sena li għaddiet.

Mill-Imġarr Għawdex lejn Malta matul l-istess jiem qasmu 21,865, jiġifieri żieda ta' 130 persuna. Ċifri tal-ġranet separatament juru li l-iktar jum li fih qasmu passiġġieri lejn Għawdex kien fil-jum tal-Ħamis. Dakinhar qasmu kważi 16,000 persuna u 4,500 vettura.

Il-*Gozo Channel* operat servizz *shuttle* biex setgħet tlaħħaq mad-domanda. Biex sar dan, il-kumpanija użat it-tliet bastimenti ġodda.

*("In-Nazzjon", 31-03-05)*

## ❹ *37 karrozza kuljum!*

X'ma niġġammjawx fit-toroq tagħna! Kontu tafu li l-karrozzi fil-gżejjer tagħna qegħdin jiżdiedu bir-rata ta' xi 37 waħda kuljum, bis-Sibt u l-Ħadd u l-festi b'kollox? Dan joħroġ minn figuri li ngħataw dwar il-vetturi liċenzjati, li bħalissa jlaħħqu għal 271,137. Ġie kkalkulat ukoll li kull sena qed jiġu reġistrati medja ta' madwar 13,500 vettura fis-sena, li minnhom 70 fil-mija jkunu ġodda u t-30 fil-mija *second hand* li qed jiġu mpurtati minn pajjiżi bħall-Ġappun.

*("l-Orizzont" 14-03-05)*

# Il-Pontifikat il-Ġdid tal-Papa

# BENEDITTU XVI



*Konsiderazzjonijiet ta' Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex*

**Sa mill-aħħar ġranet tal-mibki Papa Ġwanni Pawlu II bdew isiru spekulazzjonijiet min ser ikun is-suċċessur tiegħu, xi kwalitajiet jeħtieġ li jkollu, biex jieħu ħsieb kif imiss tal-ħtiġijiet kbar li għandha l-Knisja fil-bidu tat-tielet millenju u jerfa r-responsabbiltà tagħhom.**

Kien diffiċli ħafna tbassar minn qabel, min ser ikun il-Papa wara l-Papa Wojtyla, u kwazi mpossibbli; difatti kien hemm ħafna li marru żmerċ. Imma li tagħmel analiżi tal-problemi li għandha quddiemha l-Knisja u li l-Papa l-Ġdid kellu issa jsaqqaf wiċċu magħhom, għal min isegwi l-aħbarijiet kattoliċi ma kienitx xi ħaġa impossibbli.

Jien stess semmejt xi wħud minn dawn l-eżiġenzi tal-Knisja u nista nerġa' ntennihom: "Il-kontinwazzjoni tat-twettieq tal-Konċilju Vatikan II, l-evanġelizzazzjoni, l-ekumeniżmu, id-djalogu interreliġjuż u mal-kulturi, il-faqar u l-ġuħ fid-dinja, l-inġustizzji soċjali anke fuq skala globali, iż-żgħażagħ u l-problemi tagħhom".

Imma qabel ma nitkellem dwar dan il-Papa l-ġdid u l-programm tal-ħidmiet pastorali tiegħu, jeħtieġ li ngħidu xi kelma dwar il-konklavi, li fihom ġie elett. Fuq dan is-suġġett, inqas u inqas nistgħu nitkellmu aħna, imma nistgħu ngħidu biss li dam wisq inqas żmien milli mistenni. Dan ifisser li l-Kardinali, għall-inqas f'maġġoranza ta' żewġ terzi minnhom, imdawlin mill-Ispirtu s-Santu għarfu fil-

Kardinal Ratzinger il-kwalitajiet meħtiega biex jista' jrieġi l-Knisja fi żminijietna. Il-kummenti tal-Kardinal Cormac Murphy O'Connor, fis-*Sunday Telegraph* tal-24 t'April 2005 kienu dawn: "Għaliex għażilna lilu? Huwa kien magħruf sewwa minna. Kellna fiduċja fih u ammirazzjoni lejh. Konna nafuh bħala bniedem ta' umanità profonda, b'intelliġenza tal-għaġeb u b'esperjenza pastorali mhix żgħira, kemm bħala saċerdot kif ukoll bħala isqof. Impressjonana bil-mod kif ippresieda l-Kulleġġ tal-Kardinali, wara l-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Imma aħna konna nafu wkoll bil-ħafna kwalitajiet tiegħu, li fil-parti l-kbira kienu moħbija mill-ħarsa tal-pubbliku, fosthom l-ispirtu ta' talb u l-kompassjoni tiegħu. Kif esprima ruħu wieħed mill-Kardinali, "aħna lkoll ħassejna li huwa kien ħuna bi kwalitajiet superjuri għal tagħna".

Liema ser ikunu l-aspetti ewlenin tal-ħidma pastorali tal-Papa Benedittu XVI matul il-pontifikat tiegħu? Fl-omelija ta' Pjazza San Pietru nhar il-Ħadd 24 t'April 2005, huwa qal: "**Il-veru programm tat-tmexxija huwa dak li ma nagħmilx ir-rieda tiegħi u li ma nimxix fuq l-idejat li jkolli, imma li flimkien mal-Knisja kollha, niftaħ widnejja biex nisma l-kelma u r-rieda tal-Mulej u li nħallih imexxini hu, hekk li jkun Hu stess li jmexxi l-Knisja, f'din is-siegħa ta' l-istorja tagħha**".

Madanakollu f'uħud mid-diskorsi semma xi orjentament u wera dak li jixtieq jagħmel. Nistgħu nibdew bil-kontinwazzjoni tat-twettiq tal-Konċilju Vatikan II. Fil-Kappella Sistina, fid-diskors lill-Kardinali, il-Papa Benedittu XVI qal: "**Irrid nafferma b'determinazzjoni l-intenzjoni tiegħi li nibqa' miexi bl-impenn li nwettaq il-Konċilju Vatikan it-Tieni fuq il-passi tal-predeċessuri tiegħi u b'kontinwità fidila mat-tradizzjoni tal-Knisja ta' elfejn sena**".

Ma setgħax jonqos li l-Papa, Vigarju ta' Kristu, jħoss kontinwament il-ħtieġa li jxandar it-tagħlim tiegħu "f'waqtu u barra minn waqtu." Għalhekk dwar l-Evanġelizzazzjoni huwa jgħid: "**Għandi l-ħsieb li nkompli miexi f'din it-triq mibdija mill-Venerabbli papiet ta' qabli, bix-xewqa unika li nxandar il-preżenza ħajja ta' Kristu lid-dinja kollha**"(Omelija fi Pjazza San Pietru).

Dwar l-ekumeniżmu fl-omelija bil-latin, fil-konċelebrazzjoni tal-Kappella Sistina l-Papa semma "l-unità sħiħa u viżibbli tad-dixxipli kollha ta' Kristu" - u kompla jgħid li dispost jagħmel dak kollu li hu fis-setgħa tiegħu biex jippromovi l-kawża fundamentali tal-ekumeniżmu. F'jum il-bidu tal-missjoni petrina huwa sellem lir-rappreżentanti tal-knejjes insara mifrudin minna u qalilhom "**Kliemi jimtela' bl-imħabba meta ndur lejn dawk li twieldu mill-ġdid fis-sagrament tal-Magħmudija iżda għad ma humiex f'għaqda, komunjoni sħiħa magħna. Ejjew nagħmlu dak kollu li hu possibbli biex nimxu fit-triq li twassal għall-unità.**"



Sellem ukoll lil-Lhud u qalilhom: "**U lilkom aħwa tal-poplu Lhudi, li magħkom aħna magħqudin permezz ta' wirt spiritwali komuni kbir, li jniżżel l-għeruq tiegħu fil-wegħdiet irreversibbli t'Alla.**" Dan ifisser li l-Papa għandu għal qalbu d-djalogu ma' reliġjonijiet u kulturi oħra u ser jimpenja ruħu biex, kif qal fl-omelija tiegħu bil-latin: "**Jien nindirizza lil kulħadd, anki lil dawk li għandhom reliġjonijiet oħra jew li sempliċement qegħdin ifittxu tweġiba għall-mistoqsijiet fundamentali tal-ħajja u għadhom ma sabuhiex. Nindirizza lil kull wieħed, b'sempliċità u mħabba,**



**biex nassigurahom li l-Knisja trid tkompli tibni djalogu miftuħ u sinċier magħhom, fit-tfittxija għal veru ġid tal-umanità u tas-soċjetà.**"

Rigward il-ġustizzja fid-dinja, il-Papa Benedittu XVI fl-ewwel messaġġ tiegħu, li għamel bil-latin lill-Kardinali fi tmiem il-konċelebrazzjoni fil-Kappella Sistina, fl-20 t'April 2005, fost ħwejjeġ oħra qal: "**Jien nistqarr ir-rieda tal-Kattolici kollha li jikkoperaw biex jinkiseb żvilupp soċjali awtentiku, li jirrispetta d-dinjità ta' kull bniedem.**" L-istess ħsieb insibuh fl-omelija ta' Pjazza San Pietru, fejn isemmi d-deżerti tad-dinja. Bħal Kristu qabel ma għamel il-miraklu tal-multiplikazzjoni tal-ħobż fid-deżert, hekk ukoll il-Papa Benedittu jitfa' ħarsa ta' ħniena fuq id-dinja mifnija bil-hemm u bl-inġustizzja. "Ir-Ragħaj jeħtieg li jkun animat bl-istess preokkupazzjoni qaddisa ta' Kristu; għalih mhix ħaġa bla importanza li ħafna persuni qegħdin jgħixu fid-deżert. **Hemm ħafna għamliet tad-deżert. Hemm id-deżert tal-faqar, id-deżert tal-ġuħ u l-għatx, hemm id-deżert tal-abbandun, tas-solitudni, ta' l-imħabba meqruda. Hemm id-deżert tad-dlam ta' Alla, tal-vojt fl-erwieħ li mhumiex konxji mid-dinjità tal-bniedem u tat-triq li għandu jiehu. Id-deżerti esterni qed jiżdiedu fid-dinja, għaliex id-deżerti nterni saru daqshekk wiesa'**."

Il-Papa, b'imħabba speċjali lejn iż-żgħażagħ, lill-Kardinali fil-quddiesa tal-Kappella Sistina jgħidilhom: "Qiegħed naħseb b'mod partikolari fiż-żgħażagħ. Lilkom li kien privileġġ tagħkom li l-Papa Ġwanni Pawlu II jikkoversa magħkom, nibgħatilkom bewsa, bit-tama, li jekk Alla jrid niltaqa' magħkom f'Cologne, fl-okkażjoni tal-Ġurnata Mondjali taż-Żgħażagħ li jmiss. **Magħkom, għeżież żgħażagħ, jiena nissokta nżomm djalogu, u nisma l-aspirazzjonijiet tagħkom waqt li nipprova ngħinkom sabiex jirnexxilkom tiltaqgħu iktar mill-qrib ma' Kristu ħaj u dejjem żagħżugħ.**" Iktar fit-tul kien indirizzahom fl-omelija tal-Ħadd, 24 t'April, fejn qal. "Illum nixtieq, li b'qawwa u konvinzjoni kbira, mibnija fuq l-esperjenza ta' ħajja twila, ngħid lilkom, għeżiez żgħażagħ: **la tibżgħux minn Kristu**. Huwa ma jeħdilkom xejn, u jagħtikom kollox. Min jingħata lilu, jirċievi mitt darba iktar. **Iva, iftħu, iftħu beraħ il-bibien lil Kristu u ssibu l-vera ħajja.** Amen."

Żgur li din l-omelija li qara l-Papa, fil-funzjoni tal-bidu tal-ministeru tiegħu, hija waħda memorabbli. Żgur li tibqa' dejjem tidwi f'widnejna u f'qalbna, l-għajta tiegħu "**Il-Knisja hi ħajja**", "**il-Knisja hi żagħżugħa.**" Din hija għajta ta' tama u ta' ferħ. Iżda fuq kollox hija espressjoni ta' fiduċja illimitata fil-qawwa ta' Kristu u fil-wegħdiet tiegħu "Jiena nibqa' magħkom sa l-aħħar taż-żminijiet".

# Ħarsa Lejn Benedittu XVI

Minn Nikol Baldacchino, Editur "Il-Ġens Illum"

**Il-Kardinal tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, minn issa l quddiem se jkun magħruf għad-dinja bħala Benedittu XVI**

Il-prelat Ġermaniż li daħal fil-konklavi bħala d-Dekna tal-Kulleġġ tal-Kardinali, u bħala wieħed mill-aktar favoriti li jintgħażel Papa, issa huwa l-265 Papa Ruman. L-għażla tiegħu kienet waħda mill-iktar li saru malajr fl-istorja riċenti tal-Knisja.

***Suldat fl-aħħar gwerra***

Imwieled fil-vilaġġ ta' Marktam fil-Bavarja fis-16 t'April, 1927, fil-fatt iċċelebra għeluq sninu proprju s-Sibt 16 t'April, tlett ijiem qabel il-ħatra kien sfurzat iservi fil-militar matul l-aħħar gwerra dinjija meta kien diġà student fis-seminarju.

Huwa kien assenjat f'*anti-aircraft unit*, imma ftit wara ħarab minn fuq il-front u mar lura d-dar, fejn eventwalment spiċċa taħt il-kustodja tat-Truppi Alleati u għal żmien qasir arrestat sakemm fit-tmiem tal-gwerra kien seħħ il-ħelsien komplet tal-priġunieri tal-gwerra.

***Teologu ta' kalibru kbir***

Wara l-gwerra, Josef Ratzinger, kompla l-istudji tiegħu fil-filosofija u t-teoloġija fis-seminarju djoċesan ta' Freising meta fil-perjodu ta' wara l-Gwerra kien hemm qawmien sħiħ fit-Teoloġija Kattolika Ewropea. Hu kien ordnat saċerdot fl-1951, u sentejn wara kiseb dottorat fit-teoloġija,m fejn it-teżi tiegħu kienet dwar l-ekkleżjoliġija ta' Santu Wistin.

Wara sena jaħdem f'parroċċa fejn kien jivvjaġġa fi Munich permezz tar-rota, huwa sar wieħed mill-iżgħar u l-aktar professuri magħrufa tat-teoloġija fil-Ġermanja kollha.

Martul il-karriera akkademika tiegħu huwa għallem f'Bonn, Munster, Tubingen u Ratisbon sakemm spiċċa viċi-president ta' l-Università ta' Ratisbon.

Hu kien magħżul bħala ajjutant teoloġiku tal-Kardinal Josef Frings ta' Cologne. Minkejja li kien għadu żgħir għen lill-Kardinal Ġermaniż jipprepara għall-parteċipazzjoni tiegħu fil-Konċilju Vatikan II.

Inċidentalment, Ratzinger kien mitlub jipprepara stqarrija dwar dak li kien magħruf bħala l-Uffiċju Divin, u li wara beda jissejjaħ bħala l-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, dikasteru li l-Kardinal Ratzinger kellu jmexxi bħala Prefett għal aktar minn 23 sena.

***Ibiddel ir-rotta***

Minkejja li matul il-Konċilju Vatikan II hu kien mimli enerġija u entużjażmu biex iseħħ diversi riformi fil-Knisja, wara t-tmiem tal-Konċilju beda juri dubji serji dwar xejriet ġodda fit-teoloġija popolari.

Id-dubji żdiedu meta l-fakulatajiet teoloġiċi Ġermaniżi bdew ikunu influwenzati bil-qawwa mill-ideoloġija Marxista.



Għalkemm kien wieħed mill-fundaturi tar-rivista teoloġika internazzjonali *Concilium*, in-nuqqas ta' qbil tiegħu ma' xejriet liberali li bdew jidhru fiha, għen biex flimkien ma' oħrajn jibda pubblikazzjoni ġdida din id-darba bl-isem ta' *Communio*, rivista li kienet tisħaq dwar il-fedeltà kompleta u interpretazzjoni stretta tat-tagħlim attwali ta' Vatikan II.

F'dan iż-żmien ta' kontroversja kbira, Ratzinger kiteb il-ktieb famuż tiegħu "Introduzzjoni għall-Kristjaneżmu", li huwa ġabra ta' *lectures* li hu kien ta' fl-Università ta' Tubingen.

Din il-kitba titratta diversi issues teoloġiċi, filosofiċi, u bibbliċi bi stil modern imma fl-istess ħin klassiku.

***Arċisqof ta' Munich***

Fl-1977, fl-età ta' ħamsin sena, Ratzinger inħatar bħala Arċisqof ta' Munich-Freising mill-Papa Pawlu VI. U fis-sena ta' wara kien elevat għall-Kulleġġ tal-Kardinali.

Hu kemm-il darba qal li kieku kien jiddependi minnu kien jagħżel li jibqa' fil-karriera ta' għalliem u studjuż tat-teoloġija, imma jkompli jgħid hu stess li l-Ispirtu s-Santu u l-ħtiġijiet tal-Knisja wassluh biex jaqbad it-triq tal-pastorali.

Matul is-Sinodu ta' l-Isqfijiet ta' l-1977, kif ukoll matul iż-żewġ konklavi li saru fl-1978, il-Kardinal Ratzinger tqarreb ħafna lejn il-Kardinal Karol Wojtyla, studjuż bħalu u li kien ilhom is-snin jikkorrispondu flimkien. Iż-żewġ prelati malajr saru ħbieb kbar.

Il-ħsibijiet intellettwali tagħhom kif ukoll is-sempliċità u l-kordjalità tal-karattri tagħhom għenu biex ikomplu jinġibdu aktar lejn xulxin.

Ftit wara li l-Kardinal Wojtyla sar il-Papa Ġwanni Pawlu II, hu sejjaħ lil ħabibu biex imur miegħu Ruma,



bħala l-Prefett tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina u l-Fidi, id-dikasteru bl-inkarigu li jieħu ħsieb jgħasses it-tagħlim awtentiku tad-duttrina tal-Knisja Kattolika.

Hu wasal Ruma f'Novembru ta' l-1981 u jingħad li offra r-riżenja tiegħu lil Ġwanni Pawlu II mill-anqas darbtejn, meta kien jgħid li kien jippreferi jmur lura fil-Bavarja. Fid-darbtejn, il-Papa talbu jibqa' f'Ruma.

***Kritika***

Il-kariga tiegħu bħla t-teologu ewlieni, kemm-il darba wasslet biex Ratzinger jispiċċa f'kuntrast jekk mhux f'konflitt ma' ideoloġiji kontemporanji. Fl-istess ħin u kontinwament ħadem spalla ma' spalla ma Ġwanni Pawlu II.

Kull nhar t'Erbgħa huma kienu jiltaqgħu flimkien biex jiddikutu suġġetti relatati mal-bioetika, ekumeniżmu, teoloġija tal-liberazzjoni, u x-xejriet ġodda fil-ħsieb modern. Kienet taħt il-gwida tiegħu li seħħet fl-1992 il-pubblikazzjoni l-ġdida tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, meqjusa waħda mill-aktar mumenti sinifikattivi taħt il-papat ta' Ġwanni Pawlu II.

Kemm dan jaħdem f'Ruma, il-Kardinal Ratzinger kompla bix-xogħol u r-riċerka teoloġika tiegħu, jikteb u jitkellem dwar *issues* dottrinali. F'dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari, wera t-tħassib tiegħu dwar dak li kien qed jiżviluppa fil-liturġija, u kiteb u tkellem kemm-il darba dwar dan is-suġġett.

Wieħed mix-xogħolijiet monumentali tiegħu huwa *The Ratzinger Report*, ktieb li jinkludi intervista li kienet saritlu mill-famuż kittieb Tajlan Vittorio Messori dwar l-istat tal-Knisja fit-tmiem tas-seklu għoxrin.

Minħabba li kemm-il darba kellu diversi pożizzjonijiet, il-Kardinal Ratzinger għal ħafna drabi spiċċa l-mira tal-kritika minn teoloġi liberali u minn kummentaturi sekulari li ma jaqblux mat-tagħlim tal-Knisja.

Madankollu, l-*image* pubblika tiegħu bħala bniedem ta' dixxiplina stretta tikkuntrasta bil-kbir, speċjalment għal dawk li jafuh mill-qrib, mal-karattru tiegħu li huwa umli, sempliċi u dħuli.

**TROPICAL FOREST**
**Aquarium, Pet & Garden Centre**

Mġarr Road, Xewkija,
Gozo - Malta.
Tel: 2156 3805
Mob: 9986 4255

**SALIBA INTERIORS**
**Għal xogħol ta'**
**Gypsum, Żebgħa fuq ġewwa,**
**Partitions, Bulkheads, Coving,**
**Soffitti, Parquet Flooring.**
**Contact Raymond Saliba**
**Mob: 7970 2274**

TA' KENUNA
Bar & Restaurant
*Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices*
Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645
Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.

LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA — Minn George N. Cassar

# L-GĦIRA: IL-MOSTRU B'GĦAJNEJH ĦODOR

**Fl-iskola fejn kont ngħallem konna għadna kemm ħriġna r-riżultat ta' l-eżami għad-dħul fil-Liċeo. Bħas-soltu ġew għexieren ta' ġenituri, b'gaj ta' seksieka jduru f'nofshom. Fost l-għagħa li kien hemm nilmaħ waħda mara ħdejn il-bieb ta' barra, qisha ras maqtugħa. Minn wiċċha kont nafha. Ersaqt fuqha u staqsejtha nistax ngħinha f'xi ħaġa. "Surmast," qaltli fil-pront. "Bħalissa għandi għoqla fuq l-istonku. Ma nafx kif sa naqbad ngħidilha lit-tifla." Biex inkun għidt xi ħaġa wissejtha li issa iktar hemm bżonn li tagħmlilha kuraġġ. "Ħa nqerr miegħek," kompliet tgħidli. "L-ikbar għali tiegħi mhux li weħlet binti. Qaluli li t-tifla ta' Ġanna, toqgħod bieb ma' bieb magħna, ġabet ħames A's. Emminni, qed ngħir għaliha. Kienu fl-istess klassi; imorru l-privat flimkien. Kieku weħlu t-tnejn li huma, ma kontx neħodha daqshekk bi kbira."**



Ma niftakarx x'intqal aktar bejnietna; naf biss li għaddew 'il fuq minn għoxrin sena u dan l-inċident baqa' stampat f'moħħi. L-għira ta' dik il-mara, f'komunità żgħira bħal tagħna, nifhimha. Jista' jkun li d-doża ta' l-għira tagħha kienet qawwija żżejjed. Tabilħaqq l-għira hija passjoni komuni, speċjalment fost ulied Eva, daqs il-budebbus fi żmien il-ful. Hija waħda mill-qliel nett, imma meta nkunu kapaċi rrażżnuha, mhijiex dejjem ħażina. Jekk l-għira tixprunani ħa nxammar u nħabrek, taf isservini ta' ġid għalija nnifsi u għal ta' madwari. Il-gwaj jibda jekk jien, mikul bl-għira għalik, naqbad nimpika miegħek u nibda naħdem jew nonfoq iktar milli niflaħ. Nista' mmur fl-estrem l-ieħor u niżbalja xorta waħda. Nara lil ta' madwari ġejjin 'l quddiem u nibqa' biered, ma jimpurtani minn xejn u minn ħadd. Inkun fil-qiegħ nett, imma la nzertajt għandi biex niddobba, nibqa' ma nagħmilx l-iċken sforz biex intejjeb il-qagħda tiegħi. Ġie li smajnieha ċ-ċanfira:

"Ibni, int x'int, demm il-baqq? Kif ma tgħirx għal sħabek?"

### *Miċ-ċkunija*

L-għira titfaċċa sa miċ-ċkunija. Fl-ewwel erba' snin ta' ħajtu, Pietru kien qisu l-prinċep tad-dar; kollox idur u jagħqad miegħu. Id-dinja żgħira li kien jgħix fiha kienet qisha kollha tiegħu. Ma' tmiem ir-raba' sena tfaċċa ħuh Pawlu li mhux biss ipprivah minn xi ġugarelli li kellu imma, agħar u agħar, ċaħħdu mill-ħafna żegħil li kien imdorri bih. Pietru għamel erba' snin fiċ-ċentru; issa sab ruħu fil-ġenb. Beda jgħir għal ħuh Pawlu għax deherlu li niżżlu minn fuq it-tron fejn kien twebbel li hu postu bi dritt. Għadda ż-żmien, kibru u tfarfru t-tnejn, imma Pietru baqa' ma fieqx mit-trawma ta' tfulitu. Baqa' ma jistax jingwalaha ma' ħuh; anki fuq l-intietef baqa' jgħir għalih.

### *Tagħwar kullimkien*

L-għira ddeffes denbha mhux biss bejn l-aħwa imma wkoll bejn l-għarajjes u l-miżżewġin. Tiltaqa' ma' maħbubin ġelużi li tant jgħiru għas-sieħeb jew sieħba tagħhom li ħajjithom ġie li ssir infern. Jibdew ma jafdawx lil xulxin; biżżejjed tbissima innoċenti, biex jissuspettaw li xi ħadd sa jidħlilhom fl-għalqa u kulma jmur il-kobba titħabbel dejjem iżjed. Barra li tagħwar fil-familja, l-għira tħobb tiġġerra barra u tindiehes fost il-ħbieb, fost nies ta' l-istess







professjoni, iktar u iktar fost dawk li l-hena tagħhom jerfgħu salib in-nies. L-għira tidħol fl-għaqdiet, fil-każini u l-kunventi. Jgħiru saħansitra l-annimali. Il-fekruna meta rat lill-ġiraffa b'dak l-għonq hekk twil bdiet tgħir għaliha u ħarġet tgħid ma' sħabha l-annimali l-oħra:"Ħbieb, araw xi kruha ta' għonq għandha l-ġiraffa !"

## *Sa miż-żerniq ta' l-istorja*

Il-bniedem sar vittma ta' din il-passjoni sa miż-żerniq ta' l-istorja. Fil-Bibbja, naqraw bl-għira ta' Kajjin, bl-għira ta' ħut Ġużeppi, bin Ġakobb, u b'dik ta' bejn David u Sawl. Rakel meta rat li ma wellditx tfal bdiet tgħir għal oħtha Lija. Kienet ukoll l-għira tal-Fariżej li sallbet lill-Imgħallem tagħna. Min hu midħla tal-mitoloġija Griega , żgur li sama' bl-għira ta' Hera jew ta' Aphrodite. Ħarġu films u nkitbu xogħlijiet letterarji fejn l-għira kienet l-ispunt tat-tema ċentrali tagħhom. Fid-dramm Otello ta' Shakespeare, Iago lill-għira laqqamha l-mostru b'għajnejh ħodor. Dal-ġeneral Mawmettan Otello tant imtela u nfena bl-għira għal martu Desdemona li spiċċa biex fgaha f'sodditha.

## *Dudu li jgerrem il-qalb*

Meta ma' l-għira tidħol baxx baxx il-kuġina kattiva tagħha l-invidja, jibda jberraq bil-kbir. Hawnhekk jitrabba bħal dudu li jgerrem il-qalb u jifni r-ruħ. L-invidja ddaħħlek fi sqaq mudlam li jimliek bid-dwejjaq u bir-rabja. Hija tbejjet fik sentimenti ħżiena li jimlewk bil-ħdura, sentimenti li jaslu biex iweġġgħuk. Flok jixgħel il-musbieħ tiegħu, l-invidjuż ifittex jitfi tiegħek; ma jaħmilx jarak pulzier 'il fuq minnu; jipprova jgħaddsek 'l isfel , sa jasal biex jitfa' dell ikrah fuqek u jħammiġlek il-fama tiegħek. Jieħu gost mhux bid-doni imma bid-deni tiegħek. Lill-invidjużi Dante jurihomlna fit-tieni setaħ tal-Purgatorju, imgeddsin ma' xulxin, lebsin l-ixkora bħal tallaba, u bi xfar għajnejhom meħjutin bil-fildiferru.

Ftaħt b'inċident. Nagħlaq b'rakkont li minn għalija kien iħobb jirrakkontah Fulton Sheen. Żewġ Irlandiżi kienu jgħiru għal xulxin mhux ftit; dejjem bil-piki u l-kwistjonijiet bejniethom . Il-Mulej riedhom jibdew jgħixu bħal aħwa fis-sliem. Minnufih bagħat l-anġlu tiegħu għand wieħed minnhom "Patrick" sejjaħlu l-anġlu fil-ħolm; "Il-Mulej lest jagħtik kulma tixtieq qalbek. Itolbu li trid u jagħtihulek issa stess, imma bil-patt li toqgħod għalli sa ngħidlek."

"Għidli, għidli !" ħatfu Patrick,ferħan sa jtir.

"X'irrid nagħmel ?"

"Jagħtik li trid u kemm trid basta taċċetta bil-qalb it-tajba li lil sieħbek John jagħtih id-doppju."

"Kif inhi din ? Allura jekk nitolbu mitt elf lira, lil sieħbi jagħtih mitejn elf ?"

"Hekk hu" wieġeb l-anġlu.

"U jekk nitolbu villa jfisser li sieħbi sa jmissu tnejn?"

"Fhimtni sew, Patrick. Dan hu l-amar tal-Mulej."

Patrick ħasibha ftit ,imbagħad qallu b'leħen sod:

"La ġejna f'dan, għidlu jaqlagħli għajn waħda."



## FEHMET IL-QARREJJA

# Insalvaw id-Djalett Għawdxi...

## "huwa lingwa oħra... huwa l-ilsien tal-qalb"

*Sur Editur,*

*Issa ilni aktar minn sentejn nikteb fir-rivista tiegħek. Inħossni grat. L-ewwelnett lejk li stedintni nikteb u t-tieni lejn il-qarrejja li ħeġġewni. Grazzi minn qalbi. Ma kontx, imma, lanqas naqbad il-pinna li kieku f'moħħi kelli l-ħsieb li nfaħħar jew infakkar. Minkejja t-titlu tas-sensiela, l-għan tiegħi kien dak li niddiskrivi l-ambjent sempliċi li kabbarni. Li nuri li l-ħajja ta' madwari hi mużajk ta' ntietef. Ma jinteressawnix il-bijografiji. U d-dettalji ta' l-istorja. Inħobb inkun ħieles. Lili tolqotni aktar il-qalb milli l-moħħ. Tassew, aktar ninġibed mit-twajjeb milli mill-għaref. Għalhekk, forsi, id-djalett għalija mhux għajb. Mhux kliem mgħawweġ. Ma jbaxxinix jekk nitkellmu. Hawn tassew min jaħseb il-kontra. Li d-djalett hu l-Malti tal-kċina. Li ma jagħmilx ġieħ.*

*Għalija mhux hekk. Id-djalett hu lingwa oħra. L-ilsien tal-qalb, isejħulu Grimm, Bopp, Herder, u lingwisti oħra. Għax il-ħoss u l-aċċent fid-djalett jikxef l-għeruq ta' nislek u jikxef l-identità tiegħek. Kif stqarrli fl-1965 il-Professur Isirlin ta' Leeds waqt stħarriġ tad-djalett Għawdxi.*

*Għalhekk id-djalett f'ilsien min niddiskrivi. Fonetiku – anke bla 'għ' u 'h' – u sempliċi. Minkejja li stramb biex jinqara. Biex noħroġ il-karattru ta' nies sempliċi u bla pretenzjoni. Biex nagħtihom identità li tagħżilhom minn dik ta' rħula u bliet oħra.*

*Jibqa' mxeblek fl-għanqbud tal-kolonjaliżmu min jaħseb mod ieħor. Skjav ta' min kien jikkmandah. Għandu kulħadd kull dritt li ma jaqbilx miegħi. Naċċertah li nistma kull fehma li juri. U niżgurah li d-djalett, kien ta' liema belt jew raħal kien, ma jagħmel għajb lil ħadd. Anzi jagħtih identità u karattru.*



**Mdina** **Pawlu Mizzi**

## Prosit għar-Rivista... xogħol stupend u "lay-out" impekkabbli...

*Sur Editur,*

*Għadha kemm waslitli r-rivista "Il-Ħajja f'Għawdex" ta' April, 2005.*

*Prosit tassew għax-xogħol stupend u għall-preżentazzjoni tassew sabiħa tal-magazine. Fiha "lay-out" impekkabbli! **"Keep it up"**!*

*Ma' din l-ittra, qed nibgħatlek offerta ta' Lm10 b'risq l-ispejjeż involuti.*

*Tislijiet u xewqat mill-isbaħ.*

**San Ġiljan** **Lino Cuschieri**




### *Benedittu XVI*

Nhar it-Tlieta, 19 ta' April 2005 filgħaxija, fit-tieni jum tal-konklavi għall-għażla tal-Papa, il-Kardinal Ġermaniż Josef Ratzinger, ta' 78 sena, aċċetta l-elezzjoni għall-265 Papa tal-Knisja Kattolika u ħa l-isem ta' Benedittu XVI.

Laqatni l-kumment tal-Kardinal Afrikan Bernardin Gantin, li ħadem għal madwar 30 sena fil-Kurja Rumana, dwar il-Papa l-ġdid: "Hu bniedem ta' kultura superjuri. Imma fuq kollox hu bniedem ta' fidi kbira u ta' pjetà kbira. Hu bniedem mgħajjex mill-Konċilju Vatikan II, u hu bniedem li jaf it-tradizzjoni, jaf il-Padri tal-Knisja".

### *Novitajiet*

Il-Ħadd, 24 ta' April, saret il-Quddiesa Sollenni tal-bidu tal-pontifikat fi Pjazza S. Pietru. Novità sinifikattiva kienet li fil-bidu tal-quddiesa, Benedittu XVI, akkumpanjat mill-patrijarki tal-Lvant żar it-*tropheum* appostoliku fejn hemm midfun San Pietru. Il-pallju tal-Papa hu differenti minn dak ta' l-aħħar papiet għax għandu l-forma oriġinali, bin-naħa tax-xellug tibqa' nieżla sa riġlejh. Barra minn hekk, iċ-ċurkett tas-sajjied, fih imnaqqax l-istess motiv tas-siġill papali li l-Papa jpoġġi fuq id-dokumenti. Kien interessanti wkoll li r-rit ta' l-ubbidjenza, li sa issa kien isir biss mill-Kardinali li jinżlu għarkubbtejhom quddiem il-Papa l-ġdid, sar minn tnax-il persuna li jirrappreżentaw il-Knisja kollha: tliet kardinali, isqof, qassis, djaknu, reliġjuż u reliġjuża, tnejn miżżewġin bit-tifel tagħhom u żewġt itfal li rċevew il-Griżma.

### *Il-Papa ta' l-Ewkaristija*

L-Arċisqof Leonardo Sandri, sostitut għall-Affarijiet Ġenerali tas-Segreterija ta' l-Istat, u li kien il-"leħen" ta' Ġwanni Pawlu II fl-aħħar xhur ta' ħajtu, talab lill-Knisja biex tħares il-wirt spiritwali li ħallielna Papa Wojtyla. Kienet din il-proposta li ppreżenta fis-sitt quddiesa tan-novendjali b'suffraġju tal-Papa. Hu fakkar li l-mewt tal-Papa seħħet fis-Sena tal-Ewkaristija (Ottubru 2004 sa Ottubru 2005): prova oħra ta' mħabbtu "lejn Kristu realment preżenti fis-Sagrament ta' l-Artal". "Min seta' jaqsam aktar mill-qrib l-attività ta' kuljum tal-Papa, kien xhud ta' l-imħabba profonda tiegħu lejn l-Ewkaristija", huwa fakkar. "Qabel ma kien jieħu deċiżjonijiet importanti, kien imdorri jieqaf fit-tul quddiem is-Santissimu Sagrament, waqt li jġib miegħu fil-kappella privata d-*dossier* x'jeżamina u jirriserva għalih innifsu, ħin prevju ta' riflessjoni u talb quddiem it-tabernaklu".

### *Dikjarazzjoni Kattolika-Anglikana fuq il-Madonna*

Rappreżentanti tal-Vatikan u tal-Komunjoni Anglikana kellhom jippreżentaw fis-16 ta' Mejju f'Seattle, l-Istati Uniti, dikjarazzjoni konġunta fuq ir-rwol tal-Madonna fit-tagħlim u l-ħajja tal-Knisja, frott tal-ħidma tal-Kummissjoni Internazzjonali Anglikana-Kattolika. F'kumment dwar id-dokument, l-Isqof Brian Farrell, Segretarju tal-Kunsill Pontifiċju għall-Promozzjoni ta' l-Għaqda ta' l-Insara, qal: "Għandna tama kbira, għaliex jippermetti li niskopru dak kollu li għandna in komuni fuq Marija, anke mar-riformaturi anglikani tas-sekli XVI u XVII, li kienu meqjusa bħala 'antimarjani' imma ma kinux".

DM

David's Bakery Caterers

Il-Kwalità l-ewwel!

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

**VERSI RIFLESSIVI**

# "HABEMUS PAPAM"
## (Fil-ħatra ta' Beneditt XVI)



*F'jum hekk għażiż għalih,
dak tad-dsatax tax-xahar,
Ġużeppi, Patrun tal-Knisja,
żgur għen ħabib mill-kbar.*

*Flimkien ma' Ruħ il-Qodos
F'nofs il-Konklavi kien,
biex Papa ġdid jintagħżel
kapaċi għal daż-żmien.*

*Papa 'l għal snin ġarr ismu,
li jixbħu f l-umiltà,
għassies tal-Knisja l-Fidi,
minn qerq l-umanità.*

*Bħall-kbir Mexxej ta' qablu,
għix tal-ħajja t-tbatija,
ta' gwerra li dewqitu
s'anke priġunerija.*

*Għax Kristu hekk mar jagħżlu,
tal-Merħla 'l dal-Mexxej,
minn qalb l-insuffiċjenti,
mma b'qalb tad-deheb, qaddej.*

*Li waqt li jaqdi 'l Kristu,
se jkun minnu "Imbierek",
għax f'tal-Mulej il-vinja,
b' ta' Beneditt ixxierek.*

*Riedna b'dan l-isem nifhmu
li ma' reliġjonijiet
u kulturi diversi,
lest joħloq taħditiet.*

*Bl-ispirtu ta' Ġwann-Pawlu
minn idu imexxih,
bla biża', b'qalb miftuħa,
jiddjaloga minnufih.*

*Issa li l-mewġa l-kbira
ħasditna, imma għaddiet,
mall-Papa l-ġdid nitolbu
għall-għaqda fost il-merħliet.*

*Biex fil-laqgħat li jkollu
ma' dawk li ma jġibuhx,
b'dawlet l-Ispirtu s-Santu
jiġi mismugħ, jifhmuh.*

*Nitolbu 'l-kbir Ġużeppi,
lill-Knisja juri liem' triq,
twassal xiżmi ta' żmienna,
li jħollu dak l-għamad sfiq.*

*Lil Ommna wkoll insejħu,
ħa tgħinu w tieqaf miegħu,
għax taf din l-Omm ħanina
tħollok kull saram tiegħu.*

*Taf tgħinu merħliet jiġbor,
fi ħdan Binha Sultan,
'l Hu waħdu l-Bieb li jwassal
s'għand il-Missier setgħan.*

*Francis Sultana*
*Għajnsielem.*
*23/04/05*

## BENEDITTU XVI - PAPA ĠDID B'TAMIET ĠODDA GĦALL-FUTUR TAL-KNISJA

# Jien m'inhix waħdi

U issa f'dan il-mument, jien qaddej dgħajjef ta' Alla qed nieħu fuq spallejha dal-uffiċċju enormi.... li hu 'l fuq minn kull kapaċità umana.
Kif nista nagħmel dan, intom għadkom kemm tlabtu lill-qtajja kollha tal-qaddisin.... hekk jien ukoll nista ngħid b'konvinzjoni kbira: "**JIEN M'INHIEX WAĦDI**".
Minhiex ser nerfa waħdi dak li qatt ma nista' nġorr waħdi.
Hemm il-qaddisin tas-sema iħarsuni, isostnuni u iferħuni.
Hemm it-talb tagħkom, ħbieb għeżież tiegħi;

- It-tjubija tagħkom,
- L-imħabba tagħkom,
- Il-fidi tagħkom,
- It-tama tagħkom, li qegħdin jakkumpanjawni.

# Iva l-Knisja

***Iva, l-Knisja hi Ħajja!***
Din hi l-esperjenza meraviljuża li kellna f'dawn il-jiem.
Proprju fil-jiem tal-marda u l-mewt tal-Papa (Ġwanni Pawlu II), intwera quddiem għajnejna, b'mod tal-għaġeb, li l-Knisja hija Ħajja.
***U l-Knisja hi Żagħżugħa...***
Il-Knisja hija ħajja,
U dan qed narawh, qed inħossu l-ferħ li Kristu Rxoxt wiegħed lid-dixxipli tiegħu.
**Il-Knisja hija ħajja**
U hija ħajja għax Kristu hu Ħaj. Għax hu verament irxoxta...
**Il-Knisja hi ħajja!**
B'dan il-kliem insellem b'ferħ u gratitudni lilkom ilkoll hawn miġbura, għażiż saċerdoti, djakni, ħaddiema pastorali, katekisti, patrijiet u sorijiet.

# Il-Programm tat-Tmexxija

Il-programm tiegħi ta' tmexxija huwa dan: mhux li nagħmel ir-rieda tiegħi, mhux li nwettaq l-idejat tiegħi, iżda li nisma, flimkien mal-Knisja, **IL-KELMA U R-RIEDA T'ALLA**.
Li niġi mmexxi **MINNU**, sabiex ikun **HU STESS** li jmexxi lill-Knisja f'din is-siegħa tal-istorja tagħna.

# Itolbu Għalija

Għeżież ħbieb, f'dan il-mument ħaġa waħda ngħidilkom;-
**ITOLBU GĦALIJA**: biex jien nitgħallem dejjem aktar kif inħobb lill-Mulej.













**Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.**











**ITOLBU GĦALIJA** biex jien nitgħallem inħobb dejjem aktar il-merħla tiegħu –lilkom il-Knisja, kull wieħed u kollha flimkien.
**ITOLBU GĦALIJA** biex jien ma naħrabx minħabba l-biża quddiem l-ilpup.
**NITOLBU GĦAL XULXIN**, biex il-Mulej jerfagħna u aħna nitgħallmu nerfgħu lil xulxin.

## "La Tibżgħux"

F'dan il-mument, ħsiebi jmur lejn it-22 ta' Ottubru 1978, meta Papa Ġwanni Pawlu II beda l-ministeru tiegħu hawn, fi Pjazza San Pietru.
Għadhom jidwu kuljum f'widnejja l-kliem tiegħu ta' dak inhar;-
**"LA TIBŻGĦUX!"**.
"Iftħu, anzi iftħu beraħ il-bibien għall-Kristu."
Il-Papa dak inhar kien qed jitkellem mal-kapijiet tad-dinja, li kienu qed jibżgħu li Kristu ser jeħdilhom xi ħaġa mill-poter tagħhom, jekk iħalluh jidħol u jekk jagħtu l-liberta lill-fidi.

## Alla mhu ser jeħdilna xejn

Forsi aħna wkoll, m'għandniex l-istess biża?
Jekk aħna nħallu lil Kristu jidħol totalment fina, jekk aħna niftħu lilna nfusna totalment għalih m'aħniex nibżgħu, jewwilla li HU ser joħdilna xi ħaġa?
U għal darb'oħra il-Papa ried jgħid: "Le. Jekk inħallu lil Kristu jidħol f'ħajjitna, aħna ma nitilfu xejn, assolutament xejn minn dak li jagħmel minn ħajjitna ħielsa, sabiħa u kbira.

## Ma jieħu xejn u jagħti kollox

Għalhekk illum, b'qawwa u b'konvinzjoni kbira, mill-esperjenza tiegħi ta' ħajja twila, jien irrid ngħidilkom:

**Għeżież żgħażagħ**
**La tibżgħux minn Kristu!**
**Kristu mhu ser jieħu xejn**
**U jagħtikom kollox!**

**Min jingħata Lilu, jirċievi lura mitt darba aktar. Iva, iftħu, iftħu beraħ il-bibien għal Kristu. U intom issibu l-vera ħajja. Amen.**

KTIEB X'TAQRA

# *"IS-SENA TA' L-EWKARISTIJA"*

**Lumen Christi Publications; Traduzzjoni ta' Erba' Dokumenti Pontifiċji minn Mons. Salv Borg; Gozo Press, Marzu 2005; pp.285; Lm3.95ċ**

## *Il-Mewt tal-Papa fis-Sena ta' l-Ewkaristija*




*Ħsieb sabiħ li nstema' fil-ġranet tal-funeral tal-Papa Ġwanni Pawlu II għandu rabta ma' l-Ewkaristija. Bħalma Kristu ħallielna dal-wirt għażiż bħala testment tal-patt il-ġdid, hekk ukoll il-Papa għoġbu jniedi s-Sena ta' l-Ewkaristija bħala testment tal-pontifikat tiegħu.*

*It-tnejn esprimew fejn tinsab il-vera mħabba fil-qofol tagħha, għax waqt li Kristu tana dan ir-rigal frott it-tbatija kollha tiegħu qabel daħal in-naħa tal-lemin tal-Missier, il-Papa ġarrab tant sofferenza qabel ma rritorna fid-dar tal-Missier.*

*Kull testment huwa prezzjuż u jġib miegħu anki ċerti dmirijiet. Il-kattoliċi fl-okkażjoni tal-funeral tal-Papa, fejn ngħaqdet magħhom id-dinja kollha, għandhom iktar jgħożżu l-wirt spiritwali li ħallilna. Jekk dan huwa ta' ġid għall-umanità kollha, kemm iktar għalina meta f'temp ta' ftit xhur għandna f'idejna 4 dokumenti pontifiċji fi ktieb wieħed dwar l-Ewkaristija, mgħoddija lilna bil-malti mill-Lumen Christi Media Centre. Dawn huma l-Enċiklika, l-Ittra Appostolika, l-Istruzzjoni u Dokument ieħor li jiġbor fih suġġerimenti u proposti dwar l-Ewkaristija. Dan hu ktieb imprezzabli!*

*"Is-Sena ta' l-Ewkaristija" huwa utli għax fost ħwejjeġ oħra jittratta dwar l-Ewkaristija li tibni l-Knisja bħala komunità, ir-rabta ma' l-appostli fil-wirt tal-fidi nisranija, il-ġieħ u r-rispett kbir li jistħoqq lil dan il-misteru tal-fidi f'rabta nisranija, f'rabta ma' Marija, kif ukoll tant affarijiet li għandhom jiġu osservati jew evitati u l-influss spiritwali li l-Ewkaristija għandha tħalli fil-mixja nisranija tagħna. Dan kollu nistgħu ngawdu minnu kemm-il darba napprezzaw it-tisħib fl-offerta sagrifikali tal-Quddiesa, l-għaqda fl-ikla sagramentali bit-Tqarbin u l-Adorazzjoni fil-preżenza ewkaristika. Kemm baqgħalna x'nitgħalmu dwar l-Ewkaristija!*

*It-tagħlim ġenwin f'dan il-ktieb qed joffrilna iktar minn sempliċi sfida, speċjalment lilna kattoliċi, fejn nistgħu naraw x'isarrfu dawk is-sinjali ta' soledarjetà u ta' tisħib emozzjonali li aħna l-Maltin mad-dinja kollha esprimejna fl-okkażjoni tal-mewt u l-funeral tal-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II.*

*Ix-xeni u ċ-ċirkustanzi mqanqla jgħaddu malajr, bħalma tiġi fi tmiemha wkoll s-sena ddedikata lill-Ewkaristija, imma dan it-teżor ta' l-ewkaristija huwa mħabba infinita magħna dejjem, kemm bħala għajnuna għall-Vigarju ta' Kristu, il-Papa ġdid Benedittu XVI, kif ukoll bħala qawwa spiritwali għalina li tegħleb kull xorta ta' deni jew tfixkil fil-ħajja tagħna.*

***Mons. Salv Grima***

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**
The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 135

Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2005

# IX-XEMA' TA' VENEZJA

Id-dokument numru mija u ħamsa u tletin li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu ħlas relatat ma' l-illustrar ta' l-art ta' l-uffiċċji ta' l-Università. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-gvern reġjonali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1704–1705), folju 29r (NAG, UG, Acta, 9/1704–1705, f. 29r).

Din hi t-traskrizzjoni tad-dokument:

**Pro Signore Notaio Aloysio Grech, giurato e tesoriere di questa Università del Gozo, ricevete con nostro potere l'infrascritta somma che d'ordine nostro et incisa di mandati spediti in officio dalli 13 maggio scorso sin tutt'il mese d'Agosto, come segue:**

**Al chierico Baldassare Pace, cioe Sc 10:5:16 prezzo di rotoli sette et onze dodici cera di Venetia in pari a tarì 17 il rotolo per rinovare le terre dell' Università; più per manifattura, tarì 4:1; per nolo di barca, bordanaro, e lastari in Malta, e per porto della lora cascia; e ripono scudi undici, e tarì cinque, e grani 17, in tutto Sc 11:5:17.**

L-Università ta' Għawdex kienet minn żmien għal żmien tawtorizża lit-teżorier tagħha biex joħroġ il-ħlasijiet tal-kontijiet pendenti. Dan id-dokument qiegħed jintroduċi l-lista ta' ħlasijiet li t-teżorier Aloysio Grech għamel tal-kontijiet kollha ppreżentati bejn it-13 ta' Mejju u l-31 ta' Awissu, 1705.

L-ewwel ħlas sar lill-kjeriku Baldassare Pace. Kjeriku kien ikun raġel li jkun irċieva t-tonsura, ċerimonja li matulha kienet titqaxxar ċirku fuq il-qorriegħa tal-kandidat. Meta wieħed isir kjeriku kien igawdi diversi privileġġi. Kjeriku seta' jkun kemm wieħed li beħsiebu ikompli għas-saċerdozju, kif ukoll persuna lajka li setgħet tkun miżżewġa. Kjeriku lajk kien obbligat li minn żmien għal żmien jagħti xi servizz fil-knisja parrokkjali tiegħu. Il-kjeriku kien igawdi minn diversi privileġġi mogħtija lilu kemm mil-liġi tal-Knisja, kif ukoll mil-liġi tal-pajjiż.

Il-kjeriku Pace kien jillustra l-injam. L-Università qabditu ħalli jillustralha l-art ta' l-uffiċċji tagħha. Il-lustru, imsejjaħ xema' fid-dokument, kien aktarx xema' tan-naħal ittrattat b'xi kimiċi. Jissejjaħ ta' Venezja għax, wisq probbabli, kien jiġi impurtat minn Venezja.

Ix-xema' ta' Venezja qajla kien jintuża Għawdex tant li Pace kellu jmur jixtrieħ minn Malta. Il-ħlas li rċieva jinkludi l-kiri ta' dgħajsa minn Għawdex għal Malta u lura, il-burdnar, nies imsejħa lastari, aktarx involuti fit-taħlita tax-xema', kif ukoll kaxxa li nġaret fih. Dawn l-ispejjeż telgħu għal 4 irbgħajja u ħabba.

Inxtara b'kollox sebat irtal u 12-il uqija xama'; kwantità konsiderevoli għaliex l-injam jassorbi ħafna xema' u għalhekk kien meħtieġ ħafna. Ix-xema' inxtara bil-prezz ta' 17-il irbiegħi r-ratal u b'kollox qam is-somma kbira ta' 10 skuti, 5 irbgħajja, u 16 il-ħabba. Ta' min jirrepeti li skut fih 12-il irbiegħi, u irbiegħi 20 ħabba. Il-kont tela' b'kollox 11-il skut, 5 irbgħajja, u 17-il ħabba; qrib Lm1 (Euro 2.33).



TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (36)



# IL-MISTERU TA' L-EWKARISTIJA

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

*(L-EWWEL PARTI)*

**Il-kelma "Ewkaristija" meħuda mill-verb "*eucharistein*" kif jidher mill-versjoni griega tal-Bibbja, tfisser ir-radd il-ħajr lil Alla, li xi drabi jsir taħt forma ta' talba. L-istess kelma tfisser ukoll it-tifħir lill-kobor ta' Alla u lill-għeġubijiet tiegħu. Fit-tifsira eżatta tagħha, il-kelma "Ewkaristija" tindika "l-imġieba xierqa ta' min ikun irċieva xi rigal," u din l-imġieba mhix biss atteġġjament jew sentiment intern, iżda wkoll xhieda esterna ta' dak li wieħed iħoss f'qalbu. L-istess kelma tiġbor fiha wkoll il-kunċett lhudi ta' barka, bħal meta wieħed ibierek lil Alla, waqt li jiftakar fl-għemejjel setgħana Tiegħu, għalhekk mhux rari li dan ir-radd il-ħajr jkun imsieħeb mat-tifkira jew memorja ta' l-imgħoddi (Ap.11.17). Tifħir, radd-il-ħajr u tberik ta' persuni jew oġġetti, xi drabi kienu jsiru flimkien. Skond id-drawwa tal-Lhud, meta kienu jkunu fuq il-mejda, it-tberik ta' qabel l-ikel kien jinkludi kemm it-tifħir kif ukoll ir-radd il-ħajr għall-ġid li Alla jipprovdi lill-bnedmin. Anki San Pawl għandu din l-espressjoni: (Rom,14.6; I Kor 10.30; I Tim 4.3 f ) "Aħna kull hin nżżuħajr lil Alla minħabba fikom ilkoll, u niftakru fikom dejjem meta nitolbu" (I Tess 1.2).**

## *"Ewkaristija"*

Il-kelma "Ewkaristija" fil-liturġija nisranija, ċioè fil-laqgħa ta' Jum il-Mulej, sa minn kmieni ħafna, aktarx mill-ewwel seklu, kienet tiġi wżata, u għadna nużawha sallum, biex tindika l-att li għamel il-Feddej, fl-aħħar ċena, lejliet il-mewt tiegħu.

Is-sagrament u s-sagrifiċċju mwaqqaf minn Kristu, hemm raġunijiet għaliex jissejjaħ "Ewkaristija"; l-ewwelnett għaliex fit-twaqqif tiegħu huwa "radd il-ħajr", kif jidher mir-rakkont tas-Sinottiċi dwar l-aħħar ċena; it-tieni, minħabba l-fatt li huwa l-aqwa għemil li bih l-insara jesprimu l-gratitudni tagħhom lejn Alla.

Dan l-isem insibuh fil-kitbiet l-iktar antiki tal-Knisja, bħal ma huma id-*Didake*, jew it-Tagħlim tat-Tnax l-Appostlu, fl-Ittri ta' Sant Injazju ta' Antijokja, u fl-Apoloġija ta' San Ġustinu.

Iżda hemm ukoll ismijiet oħra li xi drabi jingħataw lill-Ewkaristija, (Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1364) bħal ma huma:

(a) L-Ikla tal-Mulej (I Kor 11, 20),
(b) Il-qsim tal-ħobż; id-dixxipli ta' Emmaws għarfu 'l Kristu fil-"qsim tal-ħobż" (Lq 24,30-31). L-insara tal-komunitajiet bikrin ta' Ġerusalemm "kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja" (Atti 2,46).
(ċ) Il-Ġemgħa Ewkaristika; għaliex hija l-komunità jew il-ġemgħa ta' l-insara li tiċċelebra l-Ewkaristija fil-laqgħat tagħha.
(d) Il-Quddiesa jew is-sagrifiċċju qaddis, għaliex hi aqwa mis-sagrifiċċji tal-Patt il-Qadim.
(e)It-Tqarbin, għaliex f'dan is-sagrament Kristu jagħtina nieklu ġismu u nixorbu demmu.
(f) Is-Santissimu Sagrament, għaliex l-aqwa u l-iktar nobbli fost is-sagramenti tal-Liġi l-Ġdida.
(ġ) Il-Liturġija Divina, għaliex il-qima kollha tal-Knisja tilħaq il-qofol tagħha fl-Ewkaristija.

## *Misteru*

Il-kelma "misteru" kif nużawha fid-diskors ta' kuljum tfisser aktarx xi ħaġa li aħna ma nistgħux nifhmu. Aħna ngħidu li hemm diversi misteri fir-Reliġjon Nisranija. Il-misteri tar-reliġjon tagħna huma veritajiet li aħna ma nistgħux nifhmuhom, imma għandna nemmuhom, għaliex noqgħodu fuq il-kelma ta' Alla li irrivelahom.

Fir-reliġjon nisranija, hemm diversi misteri; barra mill-veritajiet li għandna nemmnu, jissejħu misteri wkoll l-għemejjel ewlenin tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, iżda b'mod speċjali il-misteri l-kbar, bħal ma huma l-inkarnazzjoni ta' l-Iben Alla, l-mewt tiegħu għall-fidwa tad-dinja, il-qawmien tiegħu minn bejn l-imwiet u t-tlugħ tiegħu fis-Sema. Fil-Knisja Orjentali s-sagramenti jissejħu wkoll misteri.

Il-Konċilju Vatikan II, fil-Kostituzzjoni Dommatika "*Dei Verbum*," (n 2) jgħid: "Fit-tjieba u l-għerf tiegħu, Alla għoġbu jirrivela lilu nnifsu u jgħarraf il-misteru tar-rieda tiegħu (Efes 1,9) li bih il-bnedmin, permezz ta' Kristu, il-Verb magħmul bniedem, fl-Ispirtu s-Santu jistgħu jersqu lejn il-Missier u jkollhom sehem min-natura ta' Alla."

San Pawl meta jsemmi l-Misteru ta' Kristu jgħid: "Bla ebda dubju, kbir hu l-misteru tar-reliġjon tagħna; Hu deher fil-ġisem, kien iġġustifikat mill-Ispirtu, deher lill-anġli, ixxandar fost il-pagani, emmnuh fid-dinja" (I Tim 3,16).

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (n 2558) jgħid li dan il-misteru: "Il-Knisja tistqarru fis-Simbolu ta' l-Appostli, u tiċċelebrah fil-liturġija tas-sagramenti biex il-ħajja ta' l-insara tkun taqbel ma' dik ta' Kristu, fl-Ipirtu s-Santu, għall-glorja tal-Missier Alla. Dan il-misteru, għalhekk jitlob li l-insara jemmnuh, jiċċelebrawh u jgħixuh f'relazzjoni ma' Alla ħaj u veru. Din ir-relazzjoni hi t-talb".

L-Ewkaristija mhix xi ikla tal-ħbieb miġburin flimkien, u l-anqas sempliċement it-tifkira tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu, iżda wisq iktar minn daqshekk. L-Ewkaristija hija tabilħaqq misteru kbir. Kieku l-Ewkaristija kienet biss tifkira ta' xi ġrajja ta' l-imgħoddi, anki ta' ġrajja l-iktar glorjuża, dan ma kienx ikun bizzejjed biex tissejjaħ "Misteru tal-Fidi" kif isejħilha l-Papa Pawlu VI fl-istqarrija tal-Fidi li għamel, fejn qal "għandna dak "il-Misteru tal-Fidi" tar-rikkezzi ewkaristiċi li jeħtieġilna nemmnu fih, mingħajr eċċezzjoni."

## *Ir-rivelazzjoni ta' l-Ewkaristija fil-Kotba Mqaddsa*

Il-fidi tagħna fil-Misteru Ewkaristiku tinbena fuq ir-rivelazzjoni li tagħha għandna xhieda kemm fil-Bibbja kif ukoll fit-tradizzjoni tal-Knisja.

Fir-Rabta l-Qadima, nsibu il-prototipi jew figuri ta' l-Ewkaristjia, is-sagrifiċċji ta' Abel (Ġen 4,2-4); is-sagrifiċċju tal-ħobż u l-inbid li offra Melkisedek (Ġen 14,18); il-manna, li kienet l-ikel tal-poplu ta'Alla fil-mixja tagħom fid-deżert (Eżod 16,13-21); id-demm tal-patt, li kien jixtered fis-sagrifċċji wara l-ftehim bejn Alla u l-polu Lhudi (Ezod 24,8), u l-Ħaruf ta' l-Għid, li l-familja kellhom jissagrifikaw (Eżod 12,1–14). Is-sagrifiċċju ta' Abraham, li kien ser jissagrifika lill-ibnu Iżakk (Ġen, 22,1-14).

Hemm ukoll it-tħabbira tal-Profeta Malakija, dwar is-sagrifiċċju tal-Liġi l-Ġdida, fejn qal: "Minn tlugħ ix-xemx sa nżulha, kbir hu Ismi fost il-ġnus u kullimkien isir lil Ismi, sagrifiċċju ta' inċens u offerta safja, għax kbir hu Ismi, fost il-ġnus " (Mal.1,11).

Fil-kotba tar-Rabta l-Ġdida nsibu din ix-xhieda dwar l-Ewkaristija, ċioè li Kristu wiegħed li jagħti l-Ewkaristija u imbagħad waqqafha fl-aħħar ikla tiegħu. Fit-Testment il-Ġdid hemm erba' rakkonti ta' l-istituzzjoni ta' l-Ewkaristija, li nsibuhom fil-kotba tat-tliet Sinottiċi u fl-ittra ta' San Pawl lill-Korintin. Fir-raba' Vanġelu ma hemmx dan ir-rakkont, għaliex diġa kien irrakkontat mill-evanġelisti l-oħra, u għalhekk San Ġwann li kiteb warajhom ma kienx hemm bżonn li jirrepetih; iżda huwa spjegalna bi kliem ċar l-iktar dak li wiegħed Kristu qabel ma wasal għat-twaqqif ta' l-Ewkaristija.

## *Il-wegħda*

Waqt li kien jitkellem mal-folla tan-nies, wara li wettaq il-miraklu tal-multiplikazzjoni tal-ħobż (Ġw 6,1-15), Kristu wiegħed li jagħti l-Ewkaristija lill-bnedmin, meta qal għalih innifsu li huwa l-ħobż tal-ħajja u b'hekk seħħu fih il-figuri u l-wegħdiet tar-Rabta l-Qadima, bħal ma kienet il-manna: "Missirijietkom kielu l-manna fid-deżert u mietu; dan hu l-ħobż nieżel mis-Sema, biex min jiekol minnu ma jmutx" (Ġw.6,49–50). L-ikla li Ġesù kien qiegħed iwiegħed u joffri hija marbuta mal-għeġubijiet li ġraw qabel fir-Rabta l-Qadima, bħalma



hija l-ġrajja tal-manna msemmija fl-Eżodu (Eżodu 16,13ff).

Lin-nies li kienu xewqana għall-ħobż materjali, Kristu jwissihom: "Tħabtu mhux għall-ikel li jgħaddi, iżda għall-ikel li jibqa għall-ħajja ta' dejjem, dak li Bin il-Bniedem jagħtikom" (Ġw 6,27). Imbagħad ikompli jgħidilhom: "Il-ħobż ta' Alla huwa dak li niżel mis-Sema u jagħti l-ħajja lid-dinja " (Ġw 6,33), "Jiena hu l-ħobż tal-ħajja"(Ġw 6,35).

Il-Lhud ma setgħux jifhmu għaliex Ġesù qal, li niżel mis-Sema, għaliex kienu jafu lil niesu, u għalhekk Hu tkellem iktar ċar u qalilhom: "Jienu hu l-ħobż ħaj li niżel mis-Sema, jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem, u l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja" (Ġw 6,51).

Għad li huma kienu raw il-mirakli tiegħu, xi wħud minn dawk lil semgħuh jgħid dan il-kliem, sabuha bi tqila ħafna li jaċċettaw il-ħsieb, li ser jieklu ġismu, ġisem ta' bniedem, iżda Huwa insista: "Ngħidilkom is-sewwa, jekk ma tieklux il-ġisem ta' Bin il-Bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom" (Ġw 6,53-56).

Wara din l-istqarrija ta' Kristu, ħafna telquh, iżda flok ma tħabat biex isejħilhom lura, staqsa lil dawk li baqgħu miegħu: "Tridux tmorru intom ukoll?", u għal din il-mistoqsija Pietru wieġeb: "Mulej, għand min tridna mmorru? Inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem" (Ġw 6,68).

Fi ftit kliem, fit-taħdita li għamel mas-semmiegħa, kif insibuha fl-Evanġelju ta' San Ġwann, Kristu, b'mod ċar u b'insistenza wiegħed ukoll li jagħti ġismu u demmu bħala ikel u xorb tal-bnedmin (Ġw 6,51 b). Bl-istess kliem ta' Kristu hija mħabbra l-ikla magħmula bħala sagrifiċċju, "l-inbid il-ġdid" tal-patt il-ġdid, li kellu jseħħ bih, bħal Messija u Feddej tal-bnedmin.

*(jissokta)*




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Is-Sitta u Tletin Parti )*

**(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)**

***ID-DWIELI***

**Mhux magħruf fejn kienu jikbru l-ewwel dwieli fi żmien il-qedem. Dan hu hekk minħabba l-fatt li fossili tal-weraq tad-dwieli nstabu tista' tgħid f'kull kontinent. Iżda hawn min isostni li l-ewwel dielja li tagħti l-għeneb kienet tikber fit-Transkawkażu jew fl-Iran ta' fuq.**

Fiż-żminijiet klassiċi d-dwieli kienu diġa' laħqu l-aqwa tagħhom u l-għasir ta' l-inbid kien diġa' ħaġa komuni, hekk li l-Griegi kellhom lil Bakku bħala alla ta' l-inbid, u l-baħrin ta' Odissew lill-ġgant Polifemu sakkruh bl-inbid biex setgħu jagħmuh u jeħilsu minnu. In-ninfa Calypso lil dan l-istess Odissew, meta ġie biex jitlaq mill-gżira ta' Ogigia, tagħtu ħobż u nbid.

Jingħad ukoll li l-Feniċi kienu jsakkru lis-slavaġ bl-inbid qabel ma jippruvaw jilħqu xi biċċa negozju magħhom, biex hekk jieħdu dak li jridu. Fit-tielet seklu qabel Kristu r-Rumani l-antiki kienu diġa' jafu kif ikabbru u jikkultivaw id-dwieli.

Id-dielja hija siġra li tixxeblek. Biex wieħed ikabbarha kif irid, għalhekk, ikollu jiżborha, għax inkellha tixxeblek għal riħha ma' kullimkien.

Is-sistema tal-għeruq tagħha tkun dik skond il-ħamrija li fiha tkun imħawla, iżda bla dubju ta' xejn id-dielja tħobb l-aktar ħamrija fonda. Meta tinżabar, id-dielja titħalla fuq zokk ewlieni qasir, biż-żraġen meħtieġa.

Hemm ħafna varjetajiet ta' dwieli. Dawn jinqasmu f'żewġ kategoriji ewlenin. Dawk li jagħmlu għeneb għall-għasir, u dawk li jagħmlu għeneb għall-mejda. Id-dwieli li jagħmlu għeneb għall-għasir, jagħmlu aktar malajr minn dawk li jagħmlu għeneb għall-mejda. Il-għeneb tal-għasir aktarx ikun għanqud magħqud, iżda dak tal-mejda jkollu l-għeneb ikbar u iżjed maħlul.

Jingħad li kienu l-Feniċi li ħawlu l-ewwel dwieli fil-gżejjer tagħna.





L-inħawi ta' Ħal Qormi u Ħaż-Żabbar f'Malta jingħad li kienu ewleninin għat-tkabbir tad-dwieli. Hekk ukoll fil-punent ta' Malta u f'Għawdex.

It-tkabbir tad-dwieli kien naqas meta dawn il-gżejjer bdew ikunu maħbuta mill-ħallelin tal-baħar u t-Torok għax in-nies telqet mill-kampanja u marret tgħammar fl-ibliet.

Fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann, u wara l-Assedju l-Kbir ta' l-1565, dawn il-gżejjer reġgħu bdew jipproduċu nbid biżżejjed għall-ħtiġijiet tagħhom. Fl-1632 issemma li l-kultivazzjoni tad-dielja kienet kibret ħafna u fl-1647 insibu li kien hawn produzzjoni ta' nbid mhux inqas minn 72,000 barmil. Jekk kull qantar għeneb joħroġ barmil u kwart, mela l-produzzjoni tal-għeneb dak iż-żmien kienet tlaħħaq 57,600 jew 5,760 tomna raba' dwieli.

Jidher li fis-seklu tmintax il-biedja tad-dwieli kienet għaddejja fl-aqwa tagħha għax fis-sena 1729 il-Gran Mastru Manoel de Vilhena kien ħawwel fir-ramel tar-Ramla l-Ħamra għadd kbir ta' dwieli li kienu jroddu sitt mit skud fis-sena, u l-kittieb Għawdxi G.F Agius de Soldanis fl-Istorja tiegħu dwar Għawdex, meta jitkellem mill-artijiet riżervati għall-kaċċa mis-Sultan, il-Gran Mastru Adrien de Wignacourt, fi gżiritna, igħid li fi żmienu l-Għawdxin ma kinux għadhom medhijin bil-kaċċa kemm għax it-tajr kien naqas kif ukoll għax kienu ħsiebhom biex iħawlu d-dwieli. Jidher li l-eżempju tal-Gran Mastru kien kaxkar warajh il-bdiewa Għawdxin.

Għalhekk, jidher sew li għall-ħabta ta' l-aħħar tas-seklu tmintax il-biedja tad-dwieli f'Malta kienet tagħmel sehem importanti mill-ekonomija ta' dawn il-gżejjer. Sa dak iżmien il-bdiewa tagħna kienu jagħtu każ wisq iżjed it-trobbija tas-siġar milli ta' l-uċuħ. Iżda minn dan iż-żmien 'il quddiem il-bdiewa tagħna bdew jagħtu każ aktar it-tkabbir ta' l-uċuħ milli tas-siġar. B'xorti ħażina hu fatt magħruf li meta s-siġar tal-pajjiż imorru lura, il-biedja tmur lura wkoll. Għaliex kien ġara dan? Għax fi żmien il-Gran Mastru de Rohan Polduc kien hemm talba kbira għall-qoton minn Spanja u l-bdiewa Maltin u Għawdxin, biex ilaħħqu ma' din it-talba, qerdu ħbula sħaħ ta' dwieli u siġar taż-żebbuġ biex minflokhom jiżirgħu l-qoton.

Matul is-seklu dsatax it-tkabbir tad-dwieli li kellna kien iservi biss biex nieħdu minnu l-għeneb għall-mejda, fil-waqt li l-għasir ta' l-inbid kien spiċċa għal kollox, u l-gżejjer tagħna bdew jiddependu minn Sqallija u l-Greċja għall-inbid li jkollhom bżonn.

B'dana kollu kien matul dan is seklu li reġgħu bdew jitħawlu għadd ta' żraġen fl-inħawi tar-Rabat ta' Malta u tas-Siġġiewi, kif ukoll f'Għawdex u b'hekk reġa' beda jingħasar xi ftit inbid. Iżda minħabba l-Gwerra ċivili Amerikana kienet reġgħet tqanqlet mill-ġdid it-talba għall-qoton u l-bdiewa aktar bdew jagħtu importanza l-miżergħa tal-qoton milli t-tkabbir tad-dwieli.

Iżda minkejja dawn iċ-ċirkustanzi l-biedja tad-dwieli ma kenitx inqatgħet għal kollox u għadd ta' nies li jifhmu f'din il-biedja bdew jagħmlu propaganda kbira għat-taħwil tad-dwieli.

Fost dawn in-nies importanti hemm Fr. G. Giacinto, O.C., li kien professur ta' l-Istorja Naturali fl-Universita' ta' Malta; Dr. G. C. Grech Delicata, professur ieħor ta' l-Istorja Naturali fl-Universita' ta' Malta, u l-Baruni V. Azzopardi, studjuż kbir tad-dwieli u tal-għeneb.

Minn dan naraw li jkun aktar ta' profitt għall-bidwi tagħna jekk jibbaża l-produzzjoni tiegħu fuq it-talba li jkollu mill-pajjiż, milli jqalleb il-kultivazzjoni tiegħu skond iċ-ċirkustanzi li jitfaċċaw f'pajjiżi barranin.

Malli l-gwerra Amerikana ntemmet, it-talba għall-qoton spiċċat ukoll u l-bidwi tagħna sab l-egħlieqi tiegħu vojta jixxennaq għad-dwieli li kien qered.

Fl-1878 reġgħu bdew iħawlu d-dwieli u fl-1886 il-produzzjoni ta' l-inbid li saret f'Għawdex kienet tlaħħaq 86,211-il barmil, ħaġa li turina li l-kultivazzjoni tad-dwieli f'Għawdex kienet kibret ħafna.

Is-Soċjeta' Agrarja ta' Malta fl-1897 waqqfet Kummissjoni biex tirrapporta dwar il-kultivazzjoni tad-dwieli f'dawn il-gżejjer. Ir-riżultat kien iqawwi l-qalb ħafna, għax il-Kummissjoni





waslet unanimament f'deċiżjoni li kienet tgħid li l-kultivazzjoni tad-dielja f'Malta u Għawdex tirrappreżenta l-akbar progress tal-biedja għax din il-kultivazzjoni tpatti fil-wisa' għall-ispejjeż u l-ħidma li teħtieġ.Meta twaqqaf id-Dipartiment tal-Biedja għal xi s-sena 1921, id-dwieli ta' Malta u Għawdex kienu qegħdin isofru minn marda jisimha Filoserra. Biex id-dwieli ma jinqerdux, id-Dipartiment kien daħħal ix-xitel tad-dwieli Amerikani, li jifilħu għal din il-marda, u mbagħad ilaqqmu fuqhom. Dawn kienu jinbiegħu bi prezz issussidjat.

Hawn ta' min igħid li d-dwieli jridu sentejn wara t-taħwil biex jitlaqqmu, u jridu sentejn oħra biex jagħmlu l-frott billi dan jagħmluh fuq ħatab ta' sentejn.

Hu meħtieġ li t-temp ikun kemxejn sħun biex il-għeneb ikun kotran, u dan hu hekk għax għalkemm il-fjuri tad-dwieli huma ermafroditi, jiġifieri rġiel u nisa f'daqqa, u għalhekk jiddakkru malajr u bil-ħeffa, imma biex din id-dakra ssir aħjar ikun hemm bżonn ftit tas-sħana. Barra minn dan, biex iż-żerriegħa tiżviluppa, ikun meħtieġ ukoll li t-temp ma jkunx kiesaħ.

Il-għeneb jibqa' jikber bejn wieħed u ieħor sa xahar qabel ma jibda jonfoħ biex isir. Meta jibda jsir, il-għeneb isir aktar trasparenti, irabbi aktar sugu u jsir oħla. Il-għeneb abjad isir aktar ċar, fil-waqt li l-għeneb iswed isir aktar skur.

Sa ż-żmien tat-Tieni Gwerra Dinjija, id-dwieli kellhom post kbir fil biedja ta' Malta u Għawdex, u iżjed f'Għawdex milli f'Malta. Dik il-ħabta kien hawn f'Malta u Għawdex mal-11,000 tomna raba' mħawlin dwieli, minn xi 170,000 tomna li kienu jinħadmu fiż-żewġ gżejjer. U dan barra l-ħafna dwieli kien hawn imħawlin mal-ħitan u mxerrdin 'l hawn u 'l hinn. Mill-11,000 tomna raba' dwieli li semmejna, 6,500 kienu f'Għawdex u 4,500 kienu Malta. Mela Għawdex kien aqwa minn Malta f'dik li hi kultivazzjoni tad-dwieli. Mhux ta' b'xejn l-inbid ta' Għawdex kellu wkoll ċerta fama bħala li hu inbid ġenwin u tal-għenba. Biex inkomplu nqabblu ċ-ċifri tat-tkabir tad-dwieli bejn Malta u Għwdex, iridu ngħidu li Għawdex, billi hu iżgħar minn Malta kellu tomna mħawla dwieli minn ħamest itmien li jinħadmu, fil-waqt li Malta kellha tomna minn kull tletin tomna. Dawn iċ-ċifri huma meħudin mill-istatistika tas-sena 1944 billi l-uċuħ kienu nkitbu għall-ewwel darba fis-sena 1943.

Qabel ma jħawwel id-dwieli, il-bidwi jrid jagħmel bosta spejjeż, l-aktar fejn il-ħamrija tkun qasira u għalhekk id-dwieli jkunu jridu jitħawlu fil-gandotti u fil-ħofor li jsiru apposta bħala tħejjija għat-taħwil tad-dwieli. Spejjeż oħra l-bidwi jrid jagħmilhom biex jiġġieled kontra l-mard għax inkella l-prodott jista' ma jseħħx.

Wara s-snin sittin tas-seklu għoxrin, il-kultivazzjoni tal-dwieli bdiet sejra lura. Illum jidher li reġa' hawn qawmien u iżjed bdiewa qegħdin jiġu mħajra jibdew il-kultivazzjoni tad-dwieli.

Il-għalqa fejn jitħawlu d-dwieli llum qiegħda tissejjaħ "vinja" mit-Taljan, imma dari kienet tissejjaħ "*dewwiela*". Infatti, wara r-razzett ta' Ħamet, li jinsab qrib il-knisja tal-Karmnu, insibu raba' msejjaħ "tad-dewwiel". "Dewwiela" hija kelma sabiħa b'Malti semitiku li għandha tintuża aktar.

*(jissokta)*


# SMUGGLER'S CAVE
**BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**




**gozo press**

Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio

Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

A Whole New Look

**Sharmain's Styling Salon**

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

**Xerri l-Bukkett**



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 21553500

**HILITE**
HARDWARE STORE
**FRANCO - BELGE FIRE PLACES**
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

**Home Decorations**
* Specialising in Gypsum wall partitions
* Gypsum Board Soffit and all kinds of tiles
* PVC Wall Panelling
* Interior Painting

For Free Home Estimates
Call Frank Azzopardi
on 2156 5241 or 9982 9195

**BOGI AUTO LTD**
- Spare Parts
- Batteries
- Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

**FUQ L-INTERNET**

RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo

IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi




# 5. IT-TORRI TA' MĠARR IX-XINI



*Essay ta' Maria Grima minn Għajnsielem (6th Form, Skola Sekondarja Sir M'Anġ Refalo)*



**Il-lokalità ta' Għajnsielem hija sinonima mal-baħar. Dan mhux biss minħabba li l-istess raħal beda jixxettel u jikber ma' l-iżvilupp tal-port ta' l-Imġarr, iżda wkoll minħabba li l-kosta kennija tiegħu, li testendi mill-port ta' Mġarr ix-Xini sa Ħondoq ir-Rummien, tikkonstitwixxi madwar għoxrin fil-mija tal-kosta aċċessibbli tal-gżira Għawdxija. Fost il-wirt arkeoloġiku u arkittettoniku t'Għajnsielem insibu t-Torri ta' Mġarr ix-Xini, li hu wieħed mill-fortifikazzjonijiet ta' Żmien il-Kavallieri. Billi l-għejun abbundanti ta' l-ilma ħelu jinsabu ftit 'il gewwa mix-xtajtiet u mid-daħliet ta' dawn l-inħawi, il-Mislem u l-ħallelin tal-baħar kienu ta' spiss iżuruhom għall-provista ta' l-ilma tax-xorb għal fuq ix-xwieni tagħhom. Dan wassal lill-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann sabiex matul is-seklu 18 ikomplu jinvestu aktar fil-bini ta' fortifikazzjonijiet u difiżi mal-medda tal-kosta tal-lokalita ta' Għajnsielem, filwaqt li f'ebda ħin ma abbandunaw iż-żewġ torrijiet tas-seklu 17, jiġifieri Torri Garzes (1607) u t-Torri ta' Mġarr x-Xini (1661).**

Waħda mill-leġġendi ta' missirijietna tirrakkonta kif fl-1551, l-irdumijiet inaċċessibbli u l-baħar iżraq li jikkatterizzaw il-port ċkejken ta' Imġarr ix-Xini servew ta' tejatru għat-traġedja katastrofika ta' l-Assedju tat-Torok immexxi minn Sinam Pasha u Torghud Raìs (magħruf bħala Dragut), assedju li għamel ħerba sħiħa mill-gżira t'Għawdex. Il-Kanonku Gian Piet Agius De Soldanis jikkonferma li "Ras in-Newwiela" ġiet imsemmija hekk peress li t-Torok użaw dawn l-inħawi sabiex jgħabbu lill-ilsiera Għawdxin fuq l-iġfna tagħhom.

Hawn ikun opportun jekk nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-iżvilupp tal-fortifikazzjonijiet kostali matul is-seklu 17. Bejn l-1607 u l-1620, permezz tal-ġenerożità tal-Granmastru Martino Garzes (1595-1601) u ta' Alof de Wignacourt (1601-22), l-Ordni bniet l-ewwel seba' torrijiet kostali fil-gżejjer Maltin: tnejn f'Għawdex, wieħed fuq Kemmuna u erbgħa f'Malta. Kienu binjiet massivi u maħsubin sabiex jospitaw gwarniġjun numeruż ta' suldati li jkunu kapaċi jirreżistu lill-iġfna ta' l-għadu milli jersqu lejn il-bajjiet rispettivi u jikkumbattu lill-istess suldati li jirnexxilhom jisbarkaw. Kif mistenni, huma kellhom il-funzjoni ewlenija li jgħassu l-kosta u hekk kif jinnutaw il-preżenza taí l-għadu qrib il-gżejjer tagħna jallarmaw lill-Ordni. Biex jispara l-kanuni li kienu jitpoġġew fuq il-bejt ta' dawn it-torrijiet, kien ikun hemm stazzjonati ġo fihom numru ċkejken ta' għassiesa li kienu mmexxija minn Kastellan jew Bumbardier li kellu salarju ta' 36 skud fis-sena.

L-inġinier militari Mederiko Blondel ippjanta l-bini tat-torri ta' Mġarr ix-Xini u dan inbena u tlesta f'Ġunju ta' l-1661. Il-ġebel użat huwa ħafna ikbar minn dak li kien jintuża fil-bini domestiku. Hawnhekk ninnutaw biss li l-ġebliet tax-xewka fihom medja ta' ħames piedi tul, żewġ piedi u nofs wisa' u kważi pied għoli. Il-bażi kwadra tat-torri fiha 38 pied bi 38 pied u fih għoli ta' 48 filata. Minn ġewwa t-torri fih żewġ kmamar, waħda fuq l-oħra



li fihom biss ħmistax-il pied u nofs twal u tnax-il pied wisgħin. Il-kamra t'isfel, li fiha żewġ rewwiħat, għandha s-saqaf tagħha magħmul minn ħnejjiet u xorok. Il-kamra ta' fuq hi ferm ogħla u s-saqaf tagħha hu mibni bit-teknika tat-troll. Ta' min jinnota li l-ħxuna tal-ħitan tat-torri hi ta' madwar 10 piedi. Il-vojt li kien hemm bejn it-taraġ li jagħti għat-torri u l-bieb ta' barra kien jingħalaq permezz ta' pont ta' l-injam li kellu l-kapaċità li jitla' u jinżel. Għaldaqstant dan kien jissiġilla l-entratura ewlenija f'każ ta' xi attakk. Ta' min jinnota li dan hu l-uniku torri tat-tip tiegħu li fih gardjola.

It-torri safa vittma ta' diversi attakki mill-vandali matul is-snin 50 u s-snin 60, bil-konsegwenza li waqqgħulu l-appromorta u kissrulu l-garigor u l-art tal-livell intermedjarju. Dan wassal sabiex id-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u s-soċjetà volontarja "Wirt Għawdex", jilħqu ftehim li jwassal għar-restawr u rijabilitazzjoni ta' dan it-torri u ta' l-ambjent rurali u naturali li jinsab mad-dawra tiegħu. Inbnew mill-ġdid partijiet sostanzjali, bħall-art tas-sular intermedjarju u l-garigor u sar tikħil min-naħa ta' barra, u t-tikħil minn ġewwa u l-installazzjoni ta' l-aperturi.

Permezz ta' dan il-proġett ġiet imħarsa ħolqa vitali mill-katina tal-patrimonju kulturali u naturali tal-lokalità t'Għajnsielem, filwaqt li kompliet tissaħħaħ l-istrateġija sabiex il-gżira t'Għawdex tikber dejjem aktar bħala destinazzjoni turistika distinta.

*Taħriġ ta' Referenza:*


*Stephen C. Spiteri, 1994 Fortresses of the Knights Heritage Interpretation Services- Malta, p465.*

*A. Sammut- Tagliaferro, 1993, The Coastal Fortifications of Gozo and Comino Midsea Publications-Malta, p173.*

*Bezzina J. 2002 Għajnsielem - The Gateway to Gozo Gaulitana- Gozo, p7.*

*De Lucca D, 1990 The Built Environment in Gozo - A Historical Revue, in Cini. (ed) Gozo: The Roots of an Island, Said International Ltd.- Malta, p159.*

*Hoppin A., 1999, The Fortification of Malta by the Order of St. John 1530- 1798, Mireva Publications- Malta, p208.*






**Iktbilna u għidilna x'jidhirlek mir-rivista tagħna, u tirċievi b'rigal ktieb tassew sabiħ!**

*Indirizza l-kummenti jew suġġerimenti tiegħek f'ittra lill-Editur, "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, VCT111.*

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



Il-Madonna ta' Pinu

# Mons Alwiġ Vella (1859-1928)

## 2. Ħidma Favur il-Madonna

Dun Alwiġ ta' Savina stinka kemm felaħ biex iġib 'il quddiem id-devozzjoni vera lejn Sidna Marija.

L-ewwelnett l-isem ta' Dun Alwiġ narawh b'rabta mal-Madonna ta' Pinu. Billi kien jieħu ħsieb *Il Propugnatore Cattolico*, folju reliġjuż li kien joħroġ minn Għawdex, erba' snin wara li l-Madonna kellmet lil Karmni Grima, jiġifieri fis-16 ta' April 1887, xandar din l-aħbar fih. Wara li *Il Propugnatore Cattolico* waqaf, floku beda joħroġ *Il Messaggiere di Maria*. Skond il-ġurnal *Fede e Azione*, Dun Alwiġ kien "*Capo della redazione ed amministratore di esso Messaggiere*". Dan il-perjodiku bit-Taljan kellu l-iskop li jxerred id-devozzjoni lejn il-Verġni Marija, iħeġġeġ il-bini tal-knisja ta' Lourdes fl-Imġarr Għawdex u jgħarraf b'dak kollu li kien qiegħed jiġri fis-Santwarju ta' Pinu.

Ftit xhur biss wara li kien beda joħroġ *Il Messaggiere di Maria*, Dun Alwiġ ħaseb biex jagħti għad-dawl folju ieħor li jismu, "*Id-Devot ta' Marija*". Dan deher għall-ewwel darba f'Diċembru 1887. F'din il-ħarġa bħala Direttur tiegħu spjega l-finijiet li għalih qiegħed joħroġ. L-għanijiet kienu: i) it-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Madonna fil-gżejjer Maltin; ii) fuq il-grazzji li kienet tagħmel il-Madonna ta' Pinu; iii) sabiex joffri tagħrif fuq il-pellegrinaġġi f'Ta' Pinu; iv) ringrazzjament tal- Għawdxin talli l-Madonna ħelset lil Għawdex mill-kolera; v) kultura nisranija u mirakli u grazzji li l-Madonna kienet qiegħda tagħmel 'il bogħod minn xtutna.

Dan il-folju beda jitqassam ukoll fit-Tuniżija, fl-Alġerija, fi Tripli u Kostantinopli. Din il-kitba kienet tant għall-qalb l-isqfijiet li meta Mons. Giovanni M. Camilleri sar Isqof t'Għawdex kiteb ittra lil Dun Alwiġ li tgħid: "Nirrikmandaw bil-qalb lill-insara, speċjalment tad-djoċesi tagħna, li jaqraw id-Devot ta' Marija, li fih ir-ruħ issib tagħlim li jħajjarha dejjem u jqanqalha bi pjaċir għall-eżerċizzju tal-virtù u jkabbarha fid-devozzjoni lejn l-Omm ta' Alla Marija." *Id-Devot ta' Marija* fih ħafna letteratura sabiħa fuq Marija Santissima u ta' min jgħid ukoll li l-qligħ tiegħu kien imur għal din il-kappella. Dun Alwiġ donnu ma kienx kuntent b'din l-attività tant li fl-1890 ippubblika ktieb ta' 100 paġna li jismu "Il-Madonna ta' Pinu". Fih tagħrif fuq il-kappella, il-pellegrinaġġi, il-grazzji u r-rigali li l-poplu kien joffri lis-Santwarju.

Għen ukoll fit-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes u ta' Pompej li kienu għadhom fil-bidu tagħhom. Għalhekk huwa abbona ruħu f'rivisti li jitkellmu fuq dawn id-devozzjonijiet, fost l-oħrajn *L'Annali di Lourdes* u *Il Rosario e la Nuova Pompei*. Sar ħabib ukoll tal-Beatu Bartolo Longo u kien ixerridlu r-rivista tiegħu f'pajjiżna.

Fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb tal-Konsagrazzjoni episkopali tal-Papa Ljun XIII fl-1893 saru ħafna pellegrinaġġi lejn Ruma. Dun Alwiġ ħeġġeġ biex dawk li ma jistgħux imorru Ruma jagħmlu li jistgħu biex imorru jagħmlu żjara lis-Santwarju ta' Pinu jew jitolbuha quddiem xbieha fid-dar.

Flimkien mat-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Madonna ta' La Salette u l-kitba ta' diversi poeżiji fuq l-Assunzjoni, din il-ħidma tixhed kemm Dun Alwiġ kellu mħabba lejn Marija Santissma.

*(Din is-sensiela hija msejsa fuq il-ktieb Dun Alwiġ ta' Savina miktub minn Mons. Anton Gauci. Min jixtieq jixtri kopja jirrikorri għand l-awtur).*

***Angelo Xuereb***

TAL-MUDELL
HARDWARE SHOP
FORTUNATO MIZZI STREET,
VICTORIA,GOZO - TEL 2155 4131

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

# APPREZZAMENT

## FR JOSEPH M. GALDES, SJ
## Wasal sagħtejn qabel il-Papa



*Nhar is-Sibt, 2 t'April filgħaxija, meta kulħadd kien qed jistenna l-aħbar li l-Papa kien ittajjar fi ħdan il-Mulej, bla ħadd ma kien qed jistenna, fis-7.30 ta' filgħaxija miet saċerdot ieħor, anqas magħruf mill-Papa, imma daqsu maħbub minn dawk li kienu jafuh. Ismu propju kien Ġużeppi Maria Galdes, imma kulħadd kien jafu bħala Father Galdes. Kien kważi ħames ġimgħat iżgħar mill-Papa (twieled il-Belt fil-25 ta' Ġunju, 1920) imma wasal il-ġenna sagħtejn qablu!*

*Ġużeppi kien il-kbir fost sitt aħwa u tgħidx kemm ferħu ommu u missieru bl-ewwel rigal t'Alla u ta' mħabbithom.*

*Hu studja fil-Kulleġġ Flores, il-Belt. Sħabu jgħidu li waqt il-brejk, flok ma kien joqgħod jilgħab mat-tfal l-oħra, hu kien imur fil-knisja tas-Sagramentini biex jitlob quddiem Ġesù Sagramentat. Minn ċkunitu, Ġużeppi kien wera li l-Mulej kien jiġi l-ewwel f'ħajtu. Tant hu hekk li ħutu kienu jsejħulu "Dun Gejt".*

*Wara li spiċċa l-iskola sekondarja, fl-1940 daħal skrivan mar-"Royal Army Services Corps". Fl-1942 daħal fil-"Legion of Mary", fil-Parroċċa ta' San Duminku, il-Belt. Meta kellu 27 sena kienu ħajruh jagħmel irtir għand il-Ġiżwiti fil-Kulleġġ San Alwiġ, B'Kara, li kien tah il-missjunarju pijunier Ġiżwita Fr Anton Debono li kien għal btala Malta. Fr Galdes jistqarr li kien permezz ta' Fr Debono li il-Mulej sejjaħlu biex jimxi warajh. Għadda sena jiġġieled ma' din is-sejħa.*

*Għalhekk fis-27 ta' Settembru, 1948, Ġużeppi beda n-Novizzjat f'Dar Loyola, in-Naxxar, u wara sentejn mar Vals, fi Franza għall-kors tal-filosofija. Dritt wara mar Woodstock, l-Amerika, għall-kors tat-teoloġija u hemmhekk kien ordnat saċerdot fis-17 ta' Ġunju, 1956.*

*Ġie lura Malta fl-1958 u kien membru tal-komunità tal-Ġiżwiti f'San Filippu, fl-Isla. Fl-1959 insibu 'l Fr Galdes bħala Superjur tar-Residenza tal-Ġiżwiti ta' Sarrija, il-Flurjana. Fl-1960 hu nħatar Promotur Nazzjonali tal-Komunitajiet ta' Ħajja Nisranija u Editur tar-rivista "Regina et Mater".*

*Fl-1962, intgħażel bħala Superjur tad-Dar ta' l-Irtir tal-Ġiżwiti f'Għawdex. Meta kien Għawdex, Fr Galdes intgħażel bħala l-President tal-Kumitat Ċentrali ta' l-Għaqdiet Insara fil-gżira. Kienu żminijiet diffiċli għall-Knisja u bil-ħidma bla serħan tiegħu Fr Galdes wera l-imħabba kbira li kellu lejn il-Knisja ta' Kristu.*

*Wara li l-Indja għalqet il-bibien għall-missjunarji, il-Ġeneral tal-Kumpanija ta' Ġesù assenja lill-Ġiżwiti Maltin missjoni oħra fl-Uganda. Għalhekk il-Provinċjal ħareġ sejħa għal volontieri biex imorru jaħdmu l-Uganda. Fr Galdes, li kellu 49 sena, offra ruħu u f'Ottubru, 1969, flimkien ma' tnejn oħra telaq lejn l-Uganda fejn ħadem għal tmien snin f'Kampla, il-belt kapitali, f'parroċċa hemmhekk. Għal xi snin kien ukoll is-Superjur tal-Ġiżwiti fl-Uganda.*

*Minħabba saħħtu, Fr Galdes ġie lura Malta u fl-1979 inħatar Superjur fil-Belt. Sitt snin wara sar Superjujr Sarria il-Flurjana, u fl-1990 għal darb'oħra inħatar Superjur f'Għawdex.*

*Matul id-49 sena bħala saċerdot, Fr Galdes kien imfittex ħafna għall-irtiri, priedki u bħala konfessur, l-iktar ta' ħafna reliġjużi. Kien saċerdot skond il-Qalb ta' Ġesù li lejh kellu devozzjoni speċjali.*

*Fr Galdes kien bniedem ferrieħi, jitkellem ma' kulħadd, u kien jaf jadatta ruħu ma' kull persuna u sitwazzjoni. Kont tarah miexi fit-triq bil-kuruna tar-Rużarju f'idejh.*

*Tliet snin ilu, minħabba saħħtu u kontra qalbu, Fr Galdes ħalla Għawdex u ngħaqad mal-komunità ta' Dar Loyola, in-Naxxar. Imma ma waqafx mill-appostolat tiegħu: sadakinhar li miet kien il-kappillan tad-Dar Familja Mqaddsa, in-Naxxar u kien iqaddes, iqarar u jżur lir-residenti.*

*Meta seba' snin ilu Fr Galdes għalaq 50 sena bħala Ġiżwita, kien kiteb hekk: "Inrodd ħajr lil Alla għaliex f'dawn is-snin ta' ħajja reliġjuża sibt l-iskop ta' ħajti u nitlob li nibqa' nħares 'l fuq, minn fejn tiġi l-għajnuna tal-Mulej. Jalla l-Mulej isejjaħ lil xi ħadd li jkompli dak li Hu beda fija".*

***Fr Joseph M. Galdes jibqa' f'moħħna u f'qalbna.***

***AGĦTIH O MULEJ IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM!***

***L-Editur, "R+M-Lilħbiebna", Mejju 2005.***

*Għawdxin li għadna niftakru - 25* *Minn Pawlu Mizzi*

# MARY MEJLAK

'Niftakarha għadha tibda,' tennieli b'rispett il-President Anton Buttigieg dak inhar li kxifna l-plakka fuq id-dar ta' Mary Mejlak.

'Ħafna qabel l-1930. Konna għadna kemm waqqafna l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.'

Anton Buttigieg kien jeħla jirrakkontali fuq dak iż-żmien.

'Imbagħad Ninu Cremona kien għamel diskors f'Palazzo De La Salle. U kien hemm jien. Kont għadni dieħel l-Università. U Dun Karm, u Ġużè Chetcuti, u Karmenu Vassallo. U minn Għawdex Pisani, Wiġi Portelli, Marċell Mizzi, u Vella Haber. U Ġużè Aquilina. Kien għadu student tal-Liġi bħalna. Kulwieħed, imma, bl-imħatra min sa jikteb l-iżjed u jippubblika l-ewwel. U l-avukat tal-Barkuna, Ġużè Micallef. Dak kien bravu wisq għall-Malti. Dnub li xellef difru ma' l-Ingliżi. Kien iħabbatha ma' l-aqwa orjentalisti tad-dinja. Prof. Saydon biss kellu jippikalu. U kien hemm Turu Valenzia, Patri Anastas Cuschieri, Ellul Mercer, Ġużè Gatt. Kollha mustaċċuni! Jekk għandek *Il-Malti* jew *Leħen il-Malti* tal-bidu ssibhom kollha. Mary Mejlak kienet għadha kemm bdiet tikteb. Magħha, jiktbu wkoll bil-Malti, kien hemm żewġ Marijiet oħra. Marija Aquilina u Marija Caruana. Imma, dawn kitbu biss proża. Mary Mejlak kienet tħobb aktar il-poeżija!'

U, jien sieket nisma'. U nirreġistra f'moħħi kull ħaġa li kien jgħid!

'Taf int dak iż-żmien! Mara tikteb il-poeżija! Bilkemm kont issib min jagħti kas. Imbagħad mara minn Għawdex!'

Ma kontx nissogra ninterrompi. Lil Mary Mejlak kont nafha sewwa. Eċċentrika. Imma kitbet ftit minn kollox. Novelli, esejs, ħrejjef, leġġendi u ġrajjiet mill-folklor u mill-istorja.

Kien qisha filosfa ta' żmien il-Griegi! Timxi u titkellem weħida.

Inġibha quddiem għajnejja tippassiġġa fi pjazza San Ġorġ tul is-suq. Tbewwes fin-niċċa tal-Madonna ta' Loretu kull darba li tgħaddi minn quddiemha. Jew miġbura weħidha fil-knisja ta' San Ġorġ. Dejjem wara xi pilastru f'tarf il-korsija. B'idejha flimkien quddiem wiċċha. Qisha ta' Lourdes. Rasha tiela' u nieżla. Tgedwed. U żżebbeġ fil-kuruna tar-Rużarju!

Fotogrammi ta' romantiċiżmu intellettwali. Taħlita ta' emozzjonijiet u stramberiji! Ir-romantiku, kien jgħid il-kittieb Ingliż John Ruskin, jinnamra mill-ambjent u jgħanni lil kull ħaġa li taqa' taħt għajnejh. Lil-lellux u l-ward tas-silla, per eżempju. Imma anke pett taż-żarbun mitluf barra kien jiġbdilha l-attenzjoni.

Dan kienet il-kultura ta' Mary Mejlak. Is-sempliċità. In-natura. L-għana. Bħal dak tal-bidwi ta' dari meta fl-hemm u fl-hena kien jgħanni l-ħolmiet ta' qalbu. Jew bħal dik tat-*troubadors* ta' *Langue d'Oc* meta n-nies tinġibed u tinġema madwarhom biex tisma' xi storja kantata.



Għax l-għana huwa prodott tal-qalb. Għalhekk jinbena fuq il-vers tat-tmienja. U jitqabbel it-tieni marraba'.

U forsi, għalhekk ukoll l-għana hu l-iktar poeżija popolari f'bosta lingwi. F'artiklu f'*Leħen il-Malti* Dun Karm josserva li r-ritmu ta' dan il-vers jinħass b'mod naturali fuq tliet taħbitiet. Għax 'il-għadd tlieta donnu qiegħed fil-qiegħ tas-sura tal-bniedem u kont sa ngħid fil-qiegħ tal-ħolqien kollu. U bħalma jinsab fil-qiegħ tal-ħwejjeġ l-oħra, il-għadd tlieta jinsab fil-qiegħ ta' l-għana popolari tal-ġnus kollha, u fuq is-sies tat-tlieta nbniet l-ewwel damma tal-versi tal-poeżija popolari.'

Dan kien ukoll il-vers favorit ta' Longfellow fl-Ingliż u ta' Vincenzo Monti fit-Taljan. Anke fl-innu nazzjonali ta' Franza, La Marseillaise, Roget de l'Isle ħadem bil-vers tat-tmienja. U l-istess fis-sekwenzi popolari sagri bħal tad-*Dies Irae* u *Stabat Mater*.

Ġeddidtli elf memorja din is-silta ta' Dun Karm!

Fakkritni fost kollox fit-taqbila li biha konna nraqqdu 'l uliedna:

*Ħa norqod għax għejjejt/Għalhekk fis-sodda ġejt/ Biss qabel sa ntenniha/It-talba ta' fl-għaxija*

*Inrodd mela s-salib/Ejj' anġlu tiegħi qrib/Madonna ejja ħdejja/X'ħin jien nagħlaq għajnejja*

Kemm hi sabieħa! Għadni ngħidha sallum. Fiha għaxar strofi. Fl-aħħar waħda qalbek donnha tistriħ. U bla ma trid għajnejk jingħalqu u qabel it-talba tintemm, torqod:

*Mulej nagħli li ħqartek/Imm' għalli ġej ma nżidx/*

*imbierek u inħobb lilek/ħlief lilek jien ma rridx!*

Tant tingħad bil-qalb dit-talba li nibża li għad titwaħħad bi drawwa ma' taqbila tal-folklor u titlef il-paternità tagħha.

Kif ġara fil-każ ta' l-innu *T'Adoriam Ostia Divina*. Kitbu Dun Karm Psaila, il-poeta nazzjonali tagħna, għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913. U tant ingħoġob li beda jitkanta minn kulħadd mad-dinja kollha. U ħadd ma kien jaf li l-innu kien Malti. Lanqas il-Papa Ġwanni Pawlu II stess. Kien jaħseb li kien Taljan. U li kieku ma kienx għall-Prof. Carmelo Sant li ta tagħrif dwaru lill-*Osservatore Romano* kieku ħadd ma kien ikun jaf.

Dan l-aħħar ħasditni waħda mis-semmiegħa tar-radju RTK. Qalet lil Gwido Lanfranco li nannitha kienet tkantahielha qabel torqod.

X'kienet tkantalha nannitha ma nafx. Naf, imma, li dik il-poeżija kitbitha Mary Mejlak. U ma naħsibx, imma, li Mary Mejlak ma kenitx tieħu gost tara li l-poeżija tagħha mifruxa fuq fomm kulħadd. Għandu mnejn, forsi, kienet titbissem b'ċertu sarkażmu. Imma daqshekk biss.

Simpatika kienet din Mary Mejlak. Anke biex tgħallem kienet toħlom. Kellha sistema għaliha biex iddaħħal it-taqbila f'kollox. Fil-*grammar*, fil-*composition* u fil-letteratura.

'Agħtuni aġġettivi li jaqblu ma' ħelwin,' kienet tgħidilhom lill-istudenti fil-klassi.

U l-istudenti jfajru: 'Ħenjin, ħelwin, ċkejknin, għoljin, reqdin'.

'U issa l-plural ta' mfassal? U ta' mniżżel? U ta' mfaddal?'

L-istudenti kienu jwieġbu. Għax ma jiddejqux u b'hekk jitgħallmu. Darba ħarġetilhom b'dil-poeżija!'

*O ġiżimin /kwiekeb ċkejknin/tal-ħarir fin/ għidu minn min/ ġejtu imfasslin/ daqshekk ħelwin*

Twila xi 20 vers. Ma jaqtgħu xejn. Imqabblin. U b'ritmu li mar-rima l-ħoss tal-*lin* fl-aħħar ta' kull vers donnu ġġagħlek ixxomm ir-riħa tal-ġiżimin. Bid-dehra tal-ġizimina, imxabbta 'minn bwieb għoljin /lejn il-lemin /bla ħoss niżlin/ u msejħin/il-ġiżimin.

Il-ġiżimina kienet l-ambjent tagħha. Għax għaliha kienet tissimbolizza s-sabiħ. Kulmin kien jinħakem minnha kien jitwennes. Għalhekk lilha kienet tferraħha. Għax għal Mary Mejlak jekk, bħal kull poeta romantiku, il-bniedem kien iċ-ċentru ta' qalbha, l-ambjent kien iż-żina ta' ruħha.

Is-sabiħ u s-sewwa kien jimlielha qalbha bit-tama fil-bniedem. Għalhekk it-triq kienet tagħmilha darbtejn kuljum. 'L isfel lejn l-iskola. Minn strada palma għal triq it-tiġrija sas-*Central*. U lura 'l fuq mill-istess triq sa darha fi pjazza San Ġorġ.

Kull ħaġa li kienet sabieħa kienet tferraħha. U kienet tikteb fuqha b'riverenza reliġjuża. B'mod differenti minn Rużar Briffa jew Karmenu Vassallo. 'Qiegħ il-baħar' ma ratux aħrax, mimli misteri u għollieq. Imma art il-Mulej fejn in-natura tikber u timrah għax ħielsa mill-qerq. U fejn ir-rizzi, bħan-nannakola, isaffi l-art mid-dud u l-parassiti.

Rivoluzzjonarja fi ħsiebha kienet din Mary Mejlak! Anke fil-moda ta' lbiesha! Mistħija, imma, kuraġġjuża. U ma tibżax tesperimenta u tavventura. Forsi, għalhekk, dejjem ruxxana! B'wardiet li ma tpinġihomx.

Kont nammiraha! Dejjem xikk. Anke f'suritha. Xaharha qasir, la bebè. Donnu biex wiċċha jitfaqqa u jisbieħ. Bil-*langerie* tal-bizzilla kemmkemm imperreċ ma' l-għonq, madwar skullatura modesta. Imlaħalha, b'libsa mitluqa minn fuq ġenbejha sa taħt irkopptejha.

Petita fil-veru sens tal-kelma. Kif kienu l-mudelli ta' La Fayette ta' Pariġi u l-Fitzegerald ta' New York. Allaħares, imma, taqbdek tħares lejha!

Darba tisparali riedet! Lili u Frankie tal-Magna. Konna għadna moħħ ir-riħ. U barra li fil-futbol konna mal-*Victoria Athletics*, konna wkoll niltaqgħu filgħaxijiet nippassiġġaw it-Tokk. Kien qisna żewġt erwieħ dejjem nistennew il-ħniena. Hekk kien in-namur dak inhar. Nistennew xi ħarsa. *Esemessis* b'għajnejna biss!

Dak inhar inzertajna lil Ċikkina ħierġa mill-knisja b'Mary Mejlak magħha. B'lajma ta' nemla. Tbandal banketta żgħira f"idha l-waħda. U Ċikkina tipprova tgħaġġel qabilha biex tara tilmaħx lil Frankie. Kif għamlilha sinjal b'għajnejh. Mary Mejlak, imma, qabditu u ħasbet li kien qed iħares lejha.

'X'int tara?' qaltlu. 'Għandi nagħtik?'

Lil Frankie ħasditu. U kien pront weġibha: 'Kont qed nara kemm int sabiħa!'

Ma kenitx kelma!

*'Aħna żbeħ mir-razza!'* ħatfitu. *'Missiri minn tas-Sabiħa u ommi minn ta' Belli!'*

Frankie xtaq jidħak. Imma ftakar li anke Ċikkina tiegħu kienet minn tas-Sabieħa. U, biex ma jħallihiex nieqsa għall-melħa, reġa' qallha: 'Għalhekk, mela ma żżewwiġtx!'

*'Ma żżewwiċx,'* weġbitu b'ton aktarx ċiniku, *'mux ax ma ridunix, imm' ax ma riċċ jin. Katt ma ritta r-rabta!'*

Jien ukoll xtaqt nidħak. Minflok bewwiġt baxx baxx u ma erġajtx ersaqt lejn San Ġorġ dak il-ħin tal-barka.

Kienu għaddew is-snin meta erġajt rajtha. Kont waħdi fix-xagħri ta' fejn il-mitħna ta' wara Santu Wistin. Kont qed nammira l-veduta fuq ir-riħ tal-Lunzjata u nispekula kif it-Triq ta' l-Għajn jista' jikber u jiżviluppa.

'Sabiħ jiġi belveder hawn,' nismagħha tgħidli minn warajja biex turini li qratli moħħi. 'B'dil-mitħna fin-nofs. Armata bil-qlugħ. U b'mużew żgħir ta' l-għodda ġo fiha. U madwarha siġar ta' l-akaċja d-dawramejt. X'ħemda!'

Ma waqqafthiex. Ħallejtha toħlom. U bqajt għal snin twal wara nhewden fuq il-*belvedere* tal-Lunzjata.

Kienet mara kolta din Mary Mejlak. Sew fil-poeżija u sew fl-intraprenderija. Kellu raġun ifaħħarha Ninu Cremona fid-diskors li kien għamel bil-*British Institute*. U għalhekk jien, ftit wara li waqqaft il-Klabb Kotba Maltin, waħħalt mad-dar fejn għexet irħama ta' tifkira. Ħasra li d-dar tagħha saret suq u li ma' l-ewwel żiffiet ta' l-affluwenza f'pajjiżna dit-tifkira waqgħet u saret frak. Ruħha, imma, ma tfarrkitx. Għadha tgħix, kif għidt. Fil-għana tagħha, fl-ambjent li sawwarha, u fil-ġiżimin li jżejjen u jfewwaħ l-imkejjen ħiemda madwarna.

Jalla l-irħama l-ġdida li twaqqfet dan l-aħħar f'ġieħha tibqa' għal dejjem it-tifkira ta' min ħadem biex f'ġensna nissel l-imħabba għall-poeżija.

## Passiġġata Biblika - 7

*"Nizzi ħajr lil Kristu Ġesù Sidna li tani l-qawwa għal dan ix-xogħol u li dehrlu li kienet tisħoqqli l-fiduċja tiegħu u għamilni ministru tiegħu..." (1 Tim 1:12)*

# "IL-MINISTRU TA' ALLA" IS-SAĊERDOZJU FIL-KOTBA MQADDSA

minn Fr. Charles Buttigieg

## Daħla

**Il-kelma 'ministru' ġejja mil-latin '*minus stare*', li tfisser 'tkun inqas quddiem ħaddieħor', jiġifieri li tkun 'qaddej'. Il-kelma griega li tittraduċa dan il-ħsieb hija '*diakonia*' li tfisser 'qadi' jew 'servizz'. Dan huwa l-qofol tas-saċerdozju, li s-saċerdot ikun qaddej ta' Alla, jiġifieri ministru ta' Alla. F'dan l-artiklu ser naraw għalhekk kif il-Bibbja ħarset lejn is-saċerdozju fl-istorja tas-salvazzjoni.**

## Fl-Antik Testment

Il-ministeru ordnat tas-saċerdozju bħala t-tieni grad tas-sagrament tal-Ordni Sagri huwa mwaqqaf minn Kristu Sidna. Iżda fir-reliġjon Lhudija kif naraw fit-Testment il-Qadim, kien hemm diġa' tip ta' saċerdozju, is-saċerdozju Levitiku, li kien mit-tribù ta' Levi, wieħed mit-tnax il-tifel tal-Patrijarka Ġakobb kif naraw tajjeb fil-ktieb tan-Numri 1:50: "Erħi fi ħsieb il-leviti l-Għamara tax-xhieda, il-għodod kollha tagħha u kull ma għandha. Huma jerfgħu l-Għamara u l-għodod tagħha kollha, huma u jaqdu l-Għamara u madwarha jgħammru". Dan it-tribù ta' Levi ma kellux l-art tiegħu bħat-tribujiet l-oħra ta' Izrael meta daħlu fl-Art l-Imwegħda u għalhekk għaliex kien magħżul minn Alla għal din is-sejħa partikulari, kien jiddependi mit-tribujiet l-oħra.

Il-qassis il-Kbir kien iġorr fuq sidru tnax-il ġawhra prezzjuza, dawn kienu jirrappreżentaw it-tnax il-tribù ta' Izrael. Tliet karatteristiċi tas-sacerdozju lhudi kienu; iż-żelu għall-interessi ta' Jahweh, kienu jkunu distinti mill-poplu permezz tal-ilbies differenti tagħhom, u fuq kollox kienu jkunu kkonsagrati lil Alla. Il-ministeru tagħhom kien jinkludi; li jxandru l-Kelma ta' Alla, jgħallmu lill-poplu, u permezz tal-kult u s-sagrifiċċji kienu jkunu ta' interċessjoni u ta' għaqda bejn Alla u l-poplu.

Kemm Mosè u Għeli (ara l-ewwel ktieb ta' Samwel) kienu ġejjin minn dan it-tribù ta' Levi. Wara daħlet familja oħra ta' qassisin, dik ta' Sadok li kienet imnissla minn Aronne, hu Mosè u għalhekk mit-tribù ta' Levi ukoll u li dan kien il-qassis il-kbir fiż-żmien ir-re Salamun. Ħafna jsostnu li s-Sadduċej jafu l-oriġini tagħhom lil din il-persuna ta' Sadok. Din il-familja ta' qassisin maż-żmien saret hekk qawwija, li kellha dritt kbir tas-saċerdozju lhudi saħansitra aktar mil-leviti. Kien filfatt qabel l-eżilju ta' Babilonja (586-538 Q.K.), li daħlet din id-differenza fost il-lhud bejn il-qassisin u l-leviti. L-uffiċċju ta' dawn il-qassisin lhud meqjusin bħala persuni sagri kien jgħaddi mill-missier għall-iben u mhux b'xi ordinazzjoni.

## Fit-Testment il-Ġdid

Fl-erba' vanġeli naraw il-ħajja u l-ministeru ta' Kristu, is-Saċerdot Perfett u l-missjoni tal-appostli mibgħuta minnu stess biex ifejjqu l-morda, jeżorċizzaw u s-setgħa li 'jorbtu' u 'jħollu' d-dnubiet. Ġesù waqqaf is-sagrament tal-Ordni Sagri fil-ġrajja kbira ta' l-Aħħar Ċena li kienet l-Ewwel Ewkaristija flimkien mal-appostli, l-ewwel saċerdoti tiegħu meta qalilhom: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (Lq 22:19).

San Pawl fl-ittri tiegħu jurina li bħalma fil-ġisem hemm ħafna membri, hekk ukoll fil-Knisja hemm diversi ministeri jew kariżmi sabiex inkunu tassew qaddejja fil-komunità (ara 1 Kor 12:4-6). Huwa kien konxju ta' l-azzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu li jagħżel lil xi uħud biex imexxu l-poplu ta' Alla "għall-bini tal-ġisem ta' Kristu" (Ef 4:12). Huwa jsemmi fuq kollox lill-appostli, it-tnax magħżula minn Kristu u xhieda tal-ħajja u l-Qawmien tiegħu. Isemmi ukoll fost oħrajn, lil dawk li kienu jservu bħala profeti, li kienu l-kapijiet tal-kommunitajiet u li kienu jmexxu eżortazzjonijiet fil-laqgħat tal-liturġija. Dawn il-ministri ta' Kristu kellhom fuq kollox ixandru l-Evanġelju, iwaqqfu u jorganizzaw kommunitajiet ġodda ta' nsara.

L-Atti tal-Appostli (ara 1:17; 6:1-4; 20:24) jitkellem imbagħad mill-presbiteri (il-kelma griega '*presbyteroi*' tfisser bniedem matur u mimli bil-għerf) li kienu l-anzjani li kienu jiffurmaw l-kunsill u li minnhom bdew jiġu magħżula s-suċċessuri ta' l-Appostli sabiex imexxu l-Knisja f'postijiet differenti. L-Ittra ta' San Ġakbu ukoll turina b'mod ċar li l-insara kienu jieħdu l-morda tagħhom għand il-presbiteri ħalli dawn jitolbu għalihom u jidilkuhom biż-żejt f'isem il-Mulej.



Fl-aħħarnett insibu l-Ittra lill-Lhud li titkellem dwar Kristu, il-Qassis uniku u għalhekk is-saċerdozju l-ġdid mwaqqaf minnu huwa parteċipazzjoni mis-saċerdozju Tiegħu għaliex Kristu waħdu hu Saċerdot veru, l-oħrajn huma ministri tiegħu. Is-saċerdot ordnat jaqdi l-uffiċċju tiegħu bis-setgħa ta' Kristu nnifsu u fil-persuna tiegħu kif jgħidilna il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika f'paragrafi 1545 u 1548.

## *Konklużjoni*

F'din il-ħarsa ġenerali lejn l-iskrittura naraw mela li s-saċerdot hu dak magħżul minn Alla sabiex jieħu ħsieb il-merħla nisranija fil-Knisja ta' Kristu, fuq kollox huwa msejjaħ biex ixandar il-Bxara t-Tajba u jaqdi lill-oħrajn. Dan huwa d-don tas-saċerdozju. Permezz tas-saċerdot Kristu jkompli jingħata lill-bnedmin. Infatti dan kollu huwa miġbur fit-talba Konsagratorja waqt l-ordinazzjoni ta' saċerdot mill-Isqof li ssemmi t-tmexxija pastorali tas-saċerdot, il-funzjoni u r-rwol tiegħu fil-liturġija u l-funzjoni ta' evanġelizzazzjoni. Dan huwa l-kobor tas-saċerdozju. Ejjew nagħrfu l-importanza tiegħu u nkomplu nitolbu sabiex il-Mulej ikompli jsejjaħ aktar għal warajH u dawk li għandhom il-vokazzjoni għandhom kuljum jitolbu ma' San Pawl Missierna: "Niżżi ħajr lil Kristu Ġesù Sidna li tani l-qawwa għal dan ix-xogħol u li deherlu li kienet tistħoqqli l-fiduċja tiegħu u għamilni ministru tiegħu" (1 Tim 1:12).

## *Biblijografija*

*Martini, C.M., Paolo nel vivo del Ministero, Milano 1989.*

*Vanhoye, A., I Carismi nel Nuovo Testamento, Roma 2002.*

*Lurker, M., Wörterbuch biblischer Bilder und Symbole, Munich 1987.*

*G.F. Hawthorne – R.P. Martin – D.G. Reid (eds.), Dictionary of Paul and His Lettters, Downers Grove (IL) 1993.*






*L-appuntament ta' Dr Mario Saliba M.D. mal-qarrejja tagħna.*

**int u saħħtek**



# L-Allerġiji mill-Ikel

**Waħda mill-problemi tas-saħħa li spiss nisimgħu dwarha hija l-allerġija. Hemm diversi tipi ta' allerġiji u fosthom wieħed isib allerġija jew sensittività lejn xi tip partikulari ta' ikel jew xi oġġett partikulari tal-ikel bħal tadam, karawett, kiwi eċċ.**



Diversi drabi r-reazzjoni lejn dan it-tip ta' ikel tkun waħda żgħira, jaqbdek ftit ħakk u xejn iktar jew tista' tkun waħda kbira u akuta li jkollok bżonn l-għajnuna medika. Kwalunkwe allerġija mill-ikel fija disordni fiżika li ma għandhiex xtaqsam mal-moħħ. Dan ifisser li inti turi din l-allerġija jew sensittività għax ikollok xi difett fil-funzjoni tas-sistema imunitarja u mhux għax għandek xi biża' jew taħseb li l-ikel ser jagħmillek il-ħsara. Il-komponiment fl-ikel li jikkawżaw l-allerġija huma l-proteini. Normalment dawn huma ta' ġid u ma jagħmlu l-ebda ħsara imma f'1% tal-kbar u 5% taż-żgħar jikkawżaw reazzjoni fid-demm ta' dak li jkun u jikkawżaw is-sintomi ta' l-allerġija. Insibu li anke fi żmien Ippokratus fil- Greċja tal-qedem kien magħruf li ċerti tipi ta' ikel jikkawżaw ċerti sintomi jew mard imma dak iż-żmien ma kinux jafu għaliex kien jiġri hekk. Kienu Prausnitz u Kustner li fil-1921 irrapportaw tip ta' irritazzjoni tal-ġilda li huma attribwew għal xi meraq ta' tip ta' ħut partikulari. Iżda kien biss fl-1966 li nstab li s-sustanza li tikkawża s-sintomi fil-ġisem hija IgE li tissejjaħ *Immunoglobulin E.* Illum il-mediċina u x-xjenza rnexxielhom jispjegaw dak kollu li jseħħ meta jkun hemm xi reazzjoni mill-ġisem għal xi ikel. L-iktar tipi ta' ikel li jikkawżaw allerġiji huma dak li fihom ħafna proteini. Ħalib jew laħam li ġejjin minn annimali li kienu jingħataw l-penicillin sabu li



setgħu jikkawżaw allerġiji iktar milli kieku l-annimali ma kienux jingħataw penicillin. Dan illum iktar possibbli peress li ħafna mill-ikel li nieklu ikun biex ngħid hekk ikkontaminat mill-antibiotiċi li jingħtaw lit-



tjur u lill-annimali. Fil-qosor l-iktar oġġetti ta' l-ikel li jikkawżaw allerġiji fit-tfal huma l-ħalib tal-baqra, il-bajd, il-karawett, l-imżiewet jew ful, il-qamħ u l-ġewż. Fil-kbar imbagħad insibu il-qamħ, il-bajd, il-ġewż, il-ħut, il-gandoffli, il-gajdri, il-gambli, il-granċijiet, l-awwista, il-karawett u l- ful. Dawn kienu l-iktar oġġetti tal-ikel li jikkawżaw allerġiji u mhux bilfors l-uniċi oġġetti. Anzi wieħed jista' jgħid li hemm ħafna u ħafna oġġetti oħrajn ta' l-ikel li jikkawżaw allerġiji. L-allerġija li wieħed ikollu lejn tip partikulari ta' ikel mhux bilfors tkun komuni għal membri oħra tal-familja u jekk tkun mhux bilfors timmanefesta ruħha l-istess. Is-sintomi li jirriżultaw nistgħu naqsmuhom f' erba' kategoriji. Hemm dawk li għandhom x' jaqsmu mal-ġilda fejn ikollok ħakk, ħmura u qris taħt il-ġilda. Hemm is-sintomi ta' l-istonku u l-imsaren fejn ikollok taqligħ, rimettar, u uġigħ fiż-żaqq u dijarija. Imbagħad hemm is-sintomi tas-sistema respiratorja fejn ikun hemm qtigħ ta' nifs, tisfir fil-pulmuni u għatis ripetut. Fl-aħħarnett hemm numru ta' sintomi oħrajn li ma jippartjenu ma l-ebda sistema bħalma huma ħruq fil-għajnejn u dmugħ, pressjoni għolja tad-demm, nefħa fil-wiċċ, fl-ilsien u fil-gerżuma tant li l-pazjent jista' jifga u jmut jekk ma jingħatax kura immedjata. Ta' min igħid li dawn is-sintomi jvarjaw minn persuna għal oħra u s-severità tagħhom tvarja ukoll. Illum hemm diversi testijiet li nagħmlu biex nistabbilixxu jew persuna tkunx allerġika għal xi sustanza. Dawn it-testijiet b'mod ġenerali huma maqsuma f'testijiet fil-ġilda, testijiet fejn dak li jkun jingħata doża kkontrollata tas-sustanza suspettuża biex naraw jekk jkollux reazzjoni u testijiet tad-demm. Illum hemm ukoll diversi testijiet oħra li min jirriklamahom jgħid li huma preċiżi u tista' toqgħod fuqhom. Dawn it-tip ta' testijiet għadhom qed ikunu studjati u s'issa x-xjenza medika ma torbotx fuqhom mija fil-mija. Dan qed ngħidu biex wieħed joqgħod attent qabel ma jonfoq il-flus u jagħmel dawn it-testijiet u wara li jkun imċaħħad minn numru ta' oġġetti ta' ikel isib li mhux veru huwa allerġiku għalihom!




where friends are meeting!!

D-Bar Café

Pan Pizza, Pasta & Home-made Cooking

St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2155 6242 • Mob: 7942 7014

*For delicious Italian and Maltese meals...*

Ta' Vestru

BAR, RESTAURANT & PIZZERIA

Open daily for Lunch and Dinner

5, St. Joseph Square, Qala, Gozo. Tel: 2156 4589, 2155 9090

# ĦOLM IL-ĦAJJA



*Pariri lill-Adolexxenti minn* ***MARY PULI***

## *QIS SEWWA KLIEMEK*

L-annimali għandhom l-għajta speċifika tagħhom, ta' min hi ħelwa u tpaxxik bħal ta' xi kanarin, jew ħoxna u kerha bħal ta' ljun. Anke jekk l-annimali ma jkunux fejn jintlemħu, xorta waħda jintgħarfu mill-għajta tagħhom. Il-bniedem għandu l-"kelma",rigal prezzjuż, li biha jesprimu ruħu, jikkomunika ma' oħrajn. B'kelma ssaħħaħ, tfarraġ, tikkalma, tinkoraġġixxi, issabbar, tferraħ iżda b'kelma waħda tista' titfa lil dak li jkun fl-infern tad-dinja, ixxoqqlu qalbu bħal sikkina, timmalafamah, iġġelldu, tkisser ir-relazzjonijiet...

Omm, li ġiet operata f'ilsienha, biex tikkomunika ma' tal-familja kienet tikteb dak li trid tgħid fuq karta. Wara, kienet taqraha bosta drabi għax kienet tibża' li tiftihem ħażin jew tweġġa qalb xi ħadd minnhom; bosta drabi kienet tqattagħha u ma tikteb xejn.

Il-kliem, meta jiġi rrepetut, jindara u jingħad bla kontroll. Bħal meta wieħed jibda jidgħi, u jispiċċa biex f'kull sentenza li tgħid jidgħi bla ma jkun jaf. Jekk kliemek ikun tajjeb, min jisimgħek jieħu opinjoni tajba tiegħek, imma jekk ikun ħażin, l-opinjoni li ħaddieħor jifforma dwarek, tkun bil-maqlub. Wieħed biex jibqa' magħruf bħala raġel tajjeb, quddiem in-ies kien jgħasses kliemu bis-sħiħ u ma kien iħalli l-ebda kelma mhux f'postha toħroġ minn fommu. Fid-dar kellu pappagall u kien iservih biex jisfoga r-rabja tiegħu miegħu. Kien jarma jidgħI quddiemu, qisu kellu xi tort, u ma kienx jieqaf qabel jikkalma. Il-pappagall kien jirrepeti d-dagħa li jisma' u jirrepetih anke meta kien ikun waħdu. Sidu kiber sew u ma felaħx jieħu ħsiebu iktar.

Bagħat għal neputih biex jagħtihulu għax kien ilu żmien jistenna l-okkażjoni li jkollu wieħed. Neputih ħa gost bih imma ma basarx x'pappagall akkwista! Dam ix-xhur jittrenjah biex inissih il-kliem ħażin u d-dagħa u jdarrih jgħid kliem suret in-nies. Fl-aħħar ġabu fejn ried.

Alla ħares tidra titkellem ħażin jew tidgħi kull darba li jikkuntlarjak xi ħadd, għax ilsienek jirrendik agħar minn dudu ta' l-art, għax bi lsienek teħodha kontra Alla l-ħallieq tiegħek u xxerred il-vizzju misħut tad-dagħa.

Mhux aħjar tuża tajjeb dan id-don prezzjuż li tak Alla:

Billi:

Tfarraġ u tgħin lil dawk li jridu jserrħu qalbhom miegħek.

Meta tgħejja nkella ddejjaqt b'dak li tkun qed tisma', ma turix li xbajt, u lanqas tħares lejn l-arloġġ biex tagħti x'jifhem li taparsi sarlek il-ħin.

Tara li l-konverżazzjoni tiegħek tkun interessanti u tirrepetix stejjer li tkun għedthom qabel.

Ma tippruvax tilgħaba tal-buffu biex twaqqa' għac-ċajt lil xi ħadd fil-grupp li tkun fih sew fil-preżenza tiegħu inkella fl-assenza tiegħu.

Ma titkellimx iżżejjed fuqek innifsek u fuq il-familjari tiegħek.

Tevita kliem ħażin, kliem baxx, kliem doppju sens u wisq iktar xi dawgħa, għax minbarra li toffendi l-ħallieq tiegħek, tkun ta' eżempju ħażin għal ħaddieħor.

Tferraħ lil xi ħadd b'ċajta f'waqtha basta mingħajr kliem doppju sens.

Ma tiħux il-karti f'idejk u titkellem int biss. Agħti ċans li ħaddieħor jgħid tiegħu, mingħajr ma titerrompi.

Fuq it-telefon titkellem b'ton baxx, u żżomm il-konversazzjoni fil-qosor. Normalment huwa l-privileġġ ta' min ċempel li jwaqqaf il-konverżazzjoni.

Tkun fejn tkun u tkun ma' min tkun tikkritikax il-membri tal-familja tiegħek u aktar u aktar tiżvela xi sigriet tal-familja li m'hux suppost joħorġu barra mill-erba' ħitan tad-dar.

Ma tikkritikax u lanqas tgħaddi ġudizzju fuq xi ħadd, l-aktar jekk il-persuna li tkun qed tiġi kkritikata ma tkunx preżenti biex tiddefendi ruħha.

Meta titkellem ma' xi ħadd turi interess f'dak li jkun qed jingħad, bla ma tinterrompi u tgħid li jidhirlek int.

Ma turix kurżità żejda fil-ħwejjeġ privati ta' l-oħrajn u ma tagħmilx mistoqsijiet personali biex tikixxef aktar fuq dak li jkun.

Ma' min ma jkunx jaqbel miegħek ibqa' rraġuna miegħu bil-kalma, bla ma tirrikorri għal kliem iebes jew għall-kritika personali.

Meta titkellem fuq għajrek tużax kliem mhux xieraq, tinsulentah, twaqqgħu għaċ-ċajt, jew tagħmel mossi b'wiċċek biex iddaħħal ċerti suspetti f'moħħ dak li jkun li tista' tnaqqas il-fama ta' dak li jkun.

Ma tiftaħarx bik innifsek.

Tkun edukat biżżejjed li meta tiġi mistoqsi xi ħaġa personali jew fuq familtek, u ma tkunx trid twieġeb, dawwar il-kliem fuq ħaġa oħra mhux tirrifjuta li twieġeb bl-arroganza.

Min jafdalek sigriet żommu akkost ta' kollox.

Il-kelma hija rigal prezzjuż li għandu l-bniedem u aktar ma tintuża tajjeb, aktar jiġi mfaħħar Alla, li tahielek mingħajr mertu tiegħek!

Il-kliem qabel tgħidu iżnu u qisu!

***Dejjem tiegħek,***
***Mary Puli***



# Bejnietna n-Nisa

Tiktbilna SUSAN MULVANEY



## KIF NIBQGĦU DEJJEM ŻGĦAŻAGĦ

**Sa mill-eqdem żminijiet, il-bniedem ried li dejjem jibqa' żagħżugħ. U din ix-xewqa qed dejjem taċċenna ruħha aktar ma jgħaddi ż-żmien. Ma fiha xejn ħażin li aħna nippruvaw nieklu ikel bnin u tajjeb għal saħħitna. Ma fiha xejn ħażin li aħna nżommu ruħna f'dik li hija dehra u ma nintelqux.**

Dak li kultant ma nirrealizzawx hu l-fatt li t-triq tagħna biex nakkwistaw iż-żogħżija dejjiema tibda u tispiċċa fid-dar tagħna stess u fil-viċinanzi tagħha! Kemm kemm nestendu idejna u mmissuha –fil-kċina, fil-kamra tas-sodda, f'xi ġnien madwarna jew f'xi *fitness centre*.

Għaliex? Għax dehritna, kif inħossuna u kif naġixxu jiddependu ħafna mill-mod kif nieklu, kif u kemm norqdu u mill-eżerċizzju regolari.

Dieta mimlija frott u ħxejjex, laħam dejf, prodotti tal-ħalib xkumat, ħobż ismar hija l-ideali. Mhux l-istess il-konsum bla rażan ta' xorb alkoħoliku, kafejina, ikel imxaħħam, dqiq raffinat u zokkor.

Ma tridx tkun xi għaref biex tifhem li meta tkun mimlija enerġija, tkun iżjed attiva, il-piż jibqa' f'limitu aċċettabbli. Konsegwentament, iżżomm aktar dik id-dehra żagħżugħa. Kultant titgħaxxaq tara anzjani, nisa u rġiel, li jieħdu ħsieb tagħhom infushom tant li taħsibhom li huma ferm iżgħar milli fil-fatt huma. Min-naħa l-oħra, kultant anqas temmen kif ċerti żgħażagħ, minħabba dak li jieklu, il-ħajja sedentarja li jgħaddu u l-ambjent li jintelqu fih, juru li kważi diġa xjaħu!

Dieta tajba mhux biss tagħmilna f'saħħitna, iżda testendilna s-snin fuq din l-art u twassal biex ma nitkemmxux. Huma mijiet l-istudji li saru li juru li dak li nieklu jaffettwa kemm nistgħu nnaqqsu (jew inkabbru!) ir-riskju tal-mard tal-qalb, ta' ċerti forom tal-kanċer, tad-dijabete (typeġ) u ta' l-osteoprożi.



Matul l-irqad, ġisimna jagħmel it-tiswijiet meħtieġa. Nafux kif inqumu qisna biċċa ċarruta wara lejl ħażin. Imma x'differenza meta norqdu raqda tajba u mistrieħa: inqumu mimlijin b'enerġija liema bħalha u b'dik id-dehra sabiħa tant li wiċċna jibda jixgħel!

Ċerti studji li saru dan l-aħħar juru li raqda tajba wkoll tista' tgħinna biex inżommu l-piż mixtieq. Sensiela ta' studji li dehru fil-magażin uffiċjali ta' l-Assoċjazzjoni Medika. Amerikana u fil-magażin Ingliż *Lancet* jagħtu ħjiel li meta ma norqdux biżżejjed inkunu qed inħawdu l-proċessi metaboliċi u ormonali li huma tant kumplessi. Meta jiġri hekk, inqas hemm ċans li nonqsu.

Meta n-nuqqas ta' rqad jibqa' jippersisti, iwassal għal kundizzjonijiet oħra –għejja, buli, nuqqas ta' konċentrazzjoni, nuqqas ta' reazzjoni f'waqtha meta tkun issuq jew taħdem fuq xi makna, u tnaqqis fl-immunità tal-ġisem kontra l-mard komuni bħall-irjieħat. Għalhekk jiswa lilna li naraw kif nagħmlu u norqdu raqda ta' seba' jew tminien siegħat kuljum. Għandna naraw li mmorru norqdu u nqumu fl-istess ħinijiet kuljum, ngħiduha nidħlu norqdu f'xil-11pm biex inqumu fis-6am. U naraw li l-aħħar ikel, xorb ta' alkoħol jew kafe, jekk jista jkun neħduhom ta' l-inqas tliet siegħat qabel norqdu. L-istess l-eżerċizzju goff (mhux xi passiġġata ħafifa).

Ħafna mit-tibdil fiżiku li aħna nattribwixxu għax-xjuħija – bħal muskoli inqas b'saħħithom, żjieda fil-piż u għadam irqieq – huma aktar ir-riżultat ta' ħajja sedentarja milli tal-anzjanità. Jekk irridu li verament nidhru u nħossuna żgħażagħ anke meta nidħlu f'dawk li jgħidulhom "is-snin tad-deheb", allura għandna naraw li l-attivita fiżika tkun waħda mill-prijoritajiet tal-programm tagħna ta' kuljum.




*minn Korrispondent*

# GĦAJNSIELEM JERĠGĦU CHAMPIONS WARA 31 SENA

**Għajnsielem........................ 2**

**Xewkija T........................... 0**

**B'goal f'kull taqsima, Għajnsielem għelbu l-aħħar sfida denja offruta minn Xewkija Tigers biex is-sawma twila tagħhom ta' nuqqas ta' titlu Għawdxi, issa spiċċat.**

Kien suċċess meritat għal *Blacks* li bl-investiment finanzjarju qawwi mill-President tagħhom Raymond Grech, huma iffurmaw team qawwi u ta' livell, b'xejn inqas minn ħames *ex-players* tat-*team* nazzjonali Malti fost l-oħrajn.



Konferma ta' dan kollu huwa li huma kellhom l-aħjar attakk u difiża tal-kampjonat fejn skurjaw medja ta' ftit iktar minn tliet *goals* f'kull logħba.

F'din l-aħħar partita tagħhom tal-kampjonat huma lagħbu b'tattika kważi perfetta fejn iddettaw skond iċ-ċirkostanzi, anke jekk mal-ftuħ tat-tieni taqsima spiċċaw jilgħabu bi *player* inqas.

F'din il-fażi huma kkontrollaw tajjeb fuq wara, mbagħad operaw bl-aqwa arma tagħhom, dik tal-kontrattak fejn minkejja li kienu fi żvantaġġ numeriku huma xorta skurjaw biex serrħu rashom miċ-*championship*.

Il-wirja tagħhom kienet kolletiva iżda spikka fuq sħabu d-difensur ċentrali Mbuenko li kien insuperabli kemm bir-ras kif ukoll bis-saqajn.

Fil-fatt kien hu li farrak bosta mill-attakki avversarji.

*Xewkija Tigers* minn naħa tagħhom riedu bilfors rebħa biex prattikament ikunu huma li jirbħu l-kampjonat. B'dan f'rashom huma kellhom ikunu avventurużi fl-attakk u l-*goal* li qalgħu wara biss żewġ minuti kompla kabbrilhom l-emerġenza fil-logħob tagħhom.

Fil-fatt Xewkija kkrejaw ħafna logħob biex jirkupraw ir-riżultat, iżda apparti li sabu quddiemhom difiża ferm organizzata, huma bdew jgħaġġlu fil-konklużżjonijiet bil-konsegwenza li ftit iċċentraw tajjeb il-mira.

Minkejja li t-*Tigers* tilfu dan il-kampjonat, kienu huma li apparti li taw l-unika telfa lill-istess avversarji fl-ewwel round, kif ukoll f'din il-partita deċiża huma kellhom iktar pussess tal-ballun però ma rnexxielhomx jiskurjaw, biex spiċċaw telliefa.

Quddiem l-ikbar folla ta' l-istaġun, li kienet ukoll ikkunsidrata bħala waħda rekord għal *Gozo Stadium* b'attendenza ta' madwar 3000 ruħ, iż-żewġ naħat kienu armati sa snienhom f'dak li huwa briju b'sapport ikkulurit u ta' kull xorta.

Minkejja l-importanza kbira tagħha, iż-żewġ naħat ħaqqhom kull tifħir għall-mod sportiv li lagħbu l-logħba biex iffaċilitaw ukoll il-kontroll tar-*referee* Joe Attard li flimkien mal-assistenti tiegħu Ingmar Spiteri u Alan Camilleri kkontrollaw b'awtorità.

**Kif jinsabu fl-Ewwel Diviżjoni**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Għajnsielem | 18 | 15 | 2 | 1 | 57 | 16 | 47 |
| Xewkija T. | 17 | 13 | 0 | 4 | 40 | 26 | 39 |
| Żebbuġ R. | 17 | 7 | 2 | 8 | 27 | 42 | 23 |
| Kerċem | 17 | 6 | 4 | 7 | 29 | 25 | 22 |
| Nadur Y. | 17 | 6 | 3 | 8 | 37 | 38 | 21 |
| Xagħra U. | 17 | 4 | 3 | 10 | 32 | 52 | 15 |
| Victoria | 17 | 0 | 4 | 13 | 16 | 40 | 4 |

Din il-klassifika kienet valida sa meta ntrebaħ il-kampjonat.



Skont ta' 10% fuq kotba mill-isbaħ għat-tfal ...dejjem!
LUMEN CHRISTI BOOKSHOP
Victoria, Gozo - tel. 2156 0496
366 Bible Stories
Classic Enid Blyton Stories
KNOW THE WORLD OF ANIMALS Birds, Reptiles and Insects
World History Encyclopedia
366 Fairy Tales
Children's World Atlas
365 TALBA GHAT-TFAL
L-ISTORJA TA' ĠESÙ miktuba għat-tfal





